Insolvenza/falliment

Slovakkja

1 Kontra min jistgħu jinfetħu proċedimenti ta' insolvenza?

Fis-Slovakkja, kull tip ta’ proċediment ta’ insolvenza jista’ jitressaq kontra d-debitur.

2 X'inhuma l-kundizzjonijiet għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza?

Kundizzjonijiet għall-ftuħ tat-tipi individwali ta’ proċedimenti ta’ insolvenza:

Kundizzjonijiet **biex jiġi ddikjarat falliment jew riċevitura**:

Il-proċedimenti ta’ falliment u riċevitura (“proċedimenti ta’ falliment”) jinqasmu f’żewġ partijiet. L-ewwel parti tinbeda billi tiġi ppreżentata petizzjoni ta’ falliment u tkompli sakemm isir digriet ta’ falliment. It-tieni parti tibda meta jsir digriet ta’ falliment u tkompli sal-għeluq tal-proċedimenti ta’ falliment.

Il-kundizzjonijiet għall-ewwel parti huma li hemm persuna li hija eliġibbli li tippreżenta petizzjoni għall-bidu ta’ proċedimenti ta’ falliment (jekk il-proċedimenti jinbdew b’petizzjoni), li abbażi tagħha huwa raġonevoli li wieħed jassumi li d-debitur huwa insolventi, u li jsir ħlas bil-quddiem lill-qorti.

Il-kundizzjonijiet għat-tieni parti (il-ħruġ ta’ digriet ta’ falliment) huma li jkun hemm diversi kredituri, li d-debitur għandu dejn eċċessiv jew huwa insolventi fil-fluss ta’ flus, u li hemm biżżejjed assi biex ikopru l-ispejjeż tal-proċedimenti ta’ falliment.

Il-persuna eliġibbli biex tippreżenta petizzjoni: il-proċedimenti jistgħu jinbdew b’petizzjoni jew mingħajr petizzjoni. Petizzjoni ta’ falliment tista’ tiġi ppreżentata mid-debitur, minn kreditur, minn likwidatur jew persuna oħra speċifikata mil-leġiżlazzjoni. Il-proċedimenti ta’ falliment jinbdew primarjament mingħajr petizzjoni jekk ir-riorganizzazzjoni ma tkunx irnexxiet, u f’dan il-każ il-qorti tiddeċiedi li tibda proċedimenti ta’ falliment u tiddikjara l-falliment, biż-żewġ deċiżjonijiet jittieħdu f’digriet wieħed.

Il-petizzjoni trid tissodisfa l-formalitajiet ġenerali u ċerti formalitajiet partikolari li jiddependu fuq min jippreżenta l-petizzjoni. Jekk dan ikun kreditur, il-petizzjoni trid tinkludi evidenza tal-insolvenza tad-debitur fil-fluss ta’ flus. Jekk il-petizzjoni tiġi ppreżentata mid-debitur (l-insolvenza tal-fluss tal-flus jew id-dejn eċċessiv huma preżunti), din trid tinkludi lista tal-assi, l-obbligazzjonijiet, il-partijiet relatati u l-aktar dikjarazzjonijiet finanzjarji riċenti tad-debitur, jekk disponibbli.

Il-lanjant għandu jħallas il-ħlas bil-quddiem fil-kont tal-bank tal-qorti qabel ma jippreżenta l-petizzjoni.

L-insolvenza tfisser li d-debitur għandu dejn eċċessiv jew huwa insolventi fil-fluss ta’ flus. Debitur ikollu dejn eċċessiv jekk id-debitur ikun obbligat li jżomm kontijiet skont il-leġiżlazzjoni applikabbli (l-Att Nru 431/2002 dwar il-kontabbiltà), ikollu aktar minn kreditur wieħed, u l-valur tal-obbligazzjonijiet tad-debitur ikun akbar mill-valur tal-assi tad-debitur. Persuna ġuridika tkun insolventi fil-fluss tal-flus jekk ikunu għaddew aktar minn 30 jum minn meta kellha tħallas żewġ obbligazzjonijiet finanzjarji jew aktar lil aktar minn kreditur wieħed. Persuna fiżika tkun insolventi fil-fluss tal-flus jekk hija ma tkunx tista’ tħallas għall-inqas obbligazzjoni finanzjarja waħda 180 jum wara li l-ħlas kien dovut.

Assi suffiċjenti – jekk ikun hemm dubju dwar jekk hemmx biżżejjed assi biex ikopru l-ispejjeż tal-proċedimenti ta’ falliment, il-qorti taħtar fiduċjarju interim jew riċevitur interim (“prattikant” jew “prattikant fl-insolvenza”) biex jirrevedi l-kwistjoni.

Kundizzjonijiet **biex tinbeda r-riorganizzazzjoni**:

Bħal fil-każ tal-proċedura ta’ falliment, ir-riorganizzazzjoni hija maqsuma f’żewġ partijiet. Fl-ewwel parti (meta tinbeda r-riorganizzazzjoni) il-qorti teżamina jekk il-kundizzjonijiet għar-riorganizzazzjoni humiex sodisfatti. Din tibda meta persuna eliġibbli (id-debitur jew kreditur) tippreżenta petizzjoni flimkien ma’ rakkomandazzjoni mill-prattikant fl-insolvenza biex id-debitur jiġi riorganizzat. It-tieni parti tibda meta tiġi permessa r-riorganizzazzjoni, u d-debitur, issorveljat mill-prattikant fl-insolvenza u l-qorti u f’kooperazzjoni mal-kredituri, ifassal, jiddiskuti, u jkun approva pjan ta’ riorganizzazzjoni u jġib il-konferma tiegħu mill-qorti.

Id-debitur jista’ jippreżenta petizzjoni għar-riorganizzazzjoni jekk id-debitur ikun talab l-opinjoni tal-prattikant fl-insolvenza u dan tal-aħħar ikun irrakkomanda r-riorganizzazzjoni tad-debitur f’opinjoni li ma tistax tkun inħarġet aktar minn 30 jum qabel.

Kreditur jista’ jippreżenta petizzjoni għar-riorganizzazzjoni jekk il-kreditur ikun talab l-opinjoni tal-prattikant fl-insolvenza u dan tal-aħħar ikun irrakkomanda r-riorganizzazzjoni tad-debitur f’opinjoni li ma tistax tkun inħarġet aktar minn 30 jum qabel, u d-debitur ikun ta l-kunsens tiegħu għall-petizzjoni.

Kundizzjonijiet **biex jinbeda ħelsien mid-dejn**:

Il-kundizzjonijiet biex jinbeda l-ħelsien mid-dejn: id-debitur huwa persuna fiżika (intraprenditur jew konsumatur), il-proċedimenti ta’ falliment ingħalqu, id-debitur ressaq petizzjoni u d-debitur issodisfa l-obbligi tiegħu matul il-proċedimenti ta’ falliment. Madankollu, id-debitur m’għandux id-dritt li jitlob il-ħelsien mid-djun jekk il-proċedimenti ta’ falliment ikunu ngħalqu minħabba li l-assi tad-debitur ma kinux biżżejjed lanqas għal pretensjonijiet kontra l-patrimonju.

Kundizzjonijiet oħra huma li d-debitur għandu jkun insolventi fil-fluss tal-flus u għandu jkun iddikjara insolvenza ta’ likwidità, iridu jkunu għaddew għaxar snin mill-aktar ħelsien reċenti mid-dejn, għandu jkun hemm sekwestru (jiġifieri jittieħed kontroll tal-oġġetti) jew proċedimenti simili kontra d-debitur, u d-debitur ma jkunx qed jiskonta piena ta’ detenzjoni.

Il-petizzjoni tista’ tiġi ppreżentata flimkien ma’ petizzjoni għal falliment, jew waqt proċedimenti ta’ falliment sakemm jingħalqu. Din tiġi ppreżentata mid-debitur, li, madankollu, irid ikun irrappreżentat miċ-Ċentru għall-Għajnuna Legali (*Centrum právnej pomoci*), u l-petizzjoni tista’ tiġi ppreżentata b’mod elettroniku biss.

Id-debitur jinħeles mid-dejn meta l-qorti toħroġ digriet ta’ falliment (ħelsien mid-dejn permezz ta’ falliment) jew tordna skeda ta’ ħlas (ħelsien mid-dejn permezz ta’ skeda ta’ ħlas). L-ebda deċiżjoni oħra mhija meħtieġa għall-ħelsien mid-dejn.

Ħelsien mill-obbligi: il-qorti tippermetti ħelsien mid-dejn jekk issib li d-debitur ikun ħeles mill-obbligi stipulati mil-liġi applikabbli matul il-proċedimenti ta’ falliment; inkella tirrifjuta l-petizzjoni. Intenzjoni onesta - hemm preżunzjoni tal-intenzjoni onesta tad-debitur, li l-kredituri jistgħu jikkontestaw fi proċedimenti ċivili “klassiċi”, iżda mhux waqt proċedimenti ta’ ħelsien mid-dejn.

3 Liema huma l-assi li jiffurmaw parti mill-patrimonju tal-insolvenza? Kif jiġu ttrattati l-assi li huma miksuba minn, jew li jiddevolvu lid-debitur wara l-ftuħ tal-proċedimenti ta’ insolvenza?

Il-proċedimenti ta’ falliment japplikaw għal:

assi li jappartjenu għad-debitur meta jingħata d-digriet ta’ falliment,

assi li d-debitur akkwista waqt il-proċedimenti ta’ falliment,

assi li jiggarantixxu l-obbligazzjonijiet tad-debitur,

assi oħra jekk stipulati mil-leġiżlazzjoni.

Assi soġġetti għal proċedimenti ta’ falliment jinkludu l-patrimonju ta’ falliment, li jinqasam fil-patrimonju ġenerali u patrimonji separati għal kredituri garantiti.

Dawn li ġejjin huma esklużi mill-proċedimenti tal-falliment: assi li mhumiex sekwestrabbli fl-infurzar ġudizzjarju jew fi proċedimenti ta' sekwestru, bonds tad-dwana sal-ammont tad-dejn doganali, garanzija tat-taxxa, u assi esklużi mill-proċedimenti ta' falliment taħt leġiżlazzjoni separata. Id-dħul tad-debitur huwa soġġett għal proċedimenti ta' falliment sa fejn huwa sekwestrabbli fi proċedimenti ta' infurzar jew ta' sekwestru. Dik il-parti tal-pagi netti li tista' titnaqqas b' mod ieħor biex jitħallsu l-pretensjonijiet ta' prijorità hija soġġetta biss għal proċedimenti ta' falliment sa fejn tkun qed tiġi sodisfatta pretensjoni kontra l-patrimonju.

4 X'setgħat għandhom id-debitur u l-prattikant tal-insolvenza, rispettivament?

Ir-rwoli tal-partijiet fid-diversi tipi ta' proċedimenti:

• L-obbligi ġenerali tad-debitur:

o Id-debitur huwa obbligat li jipprevjeni l-insolvenza. Jekk l-insolvenza tkun imminenti, id-debitur huwa obbligat li jieħu miżuri xierqa u proporzjonati mingħajr dewmien żejjed biex jevitaha. Il-preżentazzjoni ta' petizzjoni għar-riorganizzazzjoni ma teżentax lid-debitur mill-obbligu li japplika wkoll għal falliment (il-proċedimenti ta' falliment jitwaqqfu jekk tkun permessa r-riorganizzazzjoni).

Ir-rwoli tal-partijiet fil-**falliment**:

• Il-prattikant fl-insolvenza:

o Matul il-proċedimenti ta' falliment il-prattikant fl-insolvenza jamministra primarjament l-assi soġġetti għall-proċedimenti ta' falliment, jirrealizzahom u juża r-rikavat biex iħallas lill-kredituri tad-debitur.

o Meta jingħata d-digriet ta' falliment, id-dritt tad-debitur li jiddisponi mill-assi soġġetti għal proċedimenti ta' falliment u d-dritt li jaġixxi f'isem id-debitur fi kwistjonijiet li jikkonċernaw lil dawn l-assi jgħaddu f'idejn il-prattikant fl-insolvenza, li issa jaġixxi f'isem id-debitur u għad-debitur.

Ir-rwoli tal-partijiet fir-**riorganizzazzjoni**:

• Il-prattikant fl-insolvenza:

o Ir-rwol prinċipali tal-prattikant fl-insolvenza huwa li jfassal il-pjan ta' riorganizzazzjoni b'kollaborazzjoni mad-debitur u mal-kredituri.

o Il-prattikant fl-insolvenza jeżamina l-pretensjonijiet magħmula u jistabbilixxihom jew jiċħadhom.

o Il-prattikant fl-insolvenza jissorvelja lid-debitur. Waħda mill-forom li tieħu din is-sorveljanza hija l-approvazzjoni tal-atti legali tad-debitur li kienu speċifikati fid-digriet tal-qorti li jippermetti r-riorganizzazzjoni.

• Debitur:

• Id-debitur iwettaq il-kompiti stipulati fil-pjan ta' riorganizzazzjoni.

• Id-debitur għandu wkoll id-dritt li jressaq suġġeriment lill-prattikant fl-insolvenza biex jiċħad pretensjoni ppreżentata.

• Id-debitur jaġixxi f'ismu stess u għalih innifsu.

Ir-rwoli tal-partijiet fil-**ħelsien mid-dejn (iż-żewġ tipi):**

• Debitur:

o Il-permess għall-ħelsien mid-dejn jiftaħ perjodu ta' prova ta' tliet snin, li matulu d-debitur huwa obbligat li jagħti lill-prattikant fl-insolvenza, fl-aħħar ta' kull sena, l-ammont ta' flus speċifikat mill-qorti, iżda mhux aktar minn 70 % tad-dħul nett totali tad-debitur għas-sena ta' prova li tkun għaddiet. Wara li jnaqqas ir-rimunerazzjoni tiegħu, il-prattikant fl-insolvenza jqassam proporzjonalment il-flus fost il-kredituri tad-debitur skont l-iskeda ta' distribuzzjoni finali.

o Matul dan il-perjodu ta' prova d-debitur huwa obbligat li jagħmel sforzi raġonevoli biex isib impjieg bħala sors ta' dħul, jew impjieg għal rasu xieraq għall-istess għan, u biex jipprovdi l-informazzjoni kollha li l-prattikant fl-insolvenza jeħtieġ, inkluża informazzjoni dwar id-dħul, l-infiq u kull bidla fl-indirizz residenzjali, l-impjieg jew il-post tax-xogħol.

o L-atti legali tad-debitur matul il-perjodu ta' prova huma soġġetti għall-kunsens bil-miktub tal-prattikant fl-insolvenza fl-ambitu definit permezz tad-digriet tal-qorti li jippermetti l-ħelsien mid-dejn.

o Id-debitur, irrappreżentat miċ-Ċentru għall-Għajnuna Legali, jippreżenta petizzjoni li tinkludi l-CV tad-debitur, lista ta' partijiet relatati, assi attwali u preċedenti u lista ta' kredituri. Id-debitur jiddikjara l-insolvenza fil-fluss ta' flus tiegħu u jiddokumenta l-eżistenza ta' proċedimenti ta' sekwestru.

o Matul dawn il-proċedimenti d-debitur għandu jaċċetta li d-dritt li jiddisponi mill-assi tad-debitur jgħaddi għand il-prattikant fl-insolvenza.

• Il-prattikant fl-insolvenza:

o Il-prattikant fl-insolvenza jipproduċi lista tal-assi fil-patrimonju tal-falliment u jiddisponi minnhom (jiġifieri l-assi soġġetti għall-proċedimenti tal-falliment).

o Il-prattikant fl-insolvenza jittermina ċerti kuntratti.

o Il-prattikant fl-insolvenza jirrealizza l-assi mill-patrimonju, iħallas l-ispejjeż tal-proċedimenti ta' falliment, jipproponi l-iskeda ta' distribuzzjoni tar-rikavat, u sussegwentement jimplimentaha.

o Jekk il-proċedimenti ta' falliment jużaw skeda ta' ħlas, il-prattikant fl-insolvenza jfassal l-iskeda tal-ħlas u jissottomettiha lill-qorti għall-approvazzjoni.

5 Taħt liema kundizzjonijiet tiġi invokata t-tpaċija ?

Falliment: Pretensjoni li kienet dovuta mid-debitur qabel ma ġie ddikjarat il-falliment ma tistax tiġi paċuta bi pretensjoni dovuta lid-debitur wara li jkun ġie ddikjarat il-falliment; dan jgħodd ukoll għall-pretensjonijiet kontinġenti ppreżentati fi proċedimenti ta' falliment. Pretensjonijiet li ma jkunux ġew ippreżentati bil-mod stabbilit fil-leġiżlazzjoni, pretensjonijiet depożitati akkwistati bl-inkarigu jew trasferiment wara li jkun ġie ddikjarat il-falliment, u pretensjonijiet akkwistati abbażi ta' atti legali kontestabbli ma jistgħux jiġu paċuti bi kwalunkwe pretensjoni tad-debitur. L-ebda pretensjoni ma tista' tiġi paċuta bi pretensjoni li tirriżulta mir-responsabbiltà minħabba nuqqas ta' sottomissjoni ta' petizzjoni għal falliment f'isem id-debitur. Dan ma jipprekludix it-tpaċija ta' pretensjonijiet oħra.

Riorganizzazzjoni: Ir-regolamenti tad-dritt ċivili japplikaw bl-istess mod.

Ħelsien mid-dejn permezz ta' falliment: Pretensjoni li tirriżulta wara li jkun ġie ddikjarat il-falliment ma tistax tiġi paċuta b'kontro talba tad-debitur li rriżultat qabel ikun ġie ddikjarat il-falliment. Pretensjoni li tirriżulta qabel li jkun ġie ddikjarat il-falliment ma tistax tiġi paċuta b'kontro talba tad-debitur li tirriżulta wara li jkun ġie ddikjarat il-falliment. Dan ma jipprekludix it-tpaċija ta' pretensjonijiet oħra

Ħelsien mid-dejn permezz ta' skeda ta' ħlas: Ir-regolamenti tad-dritt ċivili japplikaw bl-istess mod.

6 X'effett għandhom il-proċedimenti ta' falliment fuq kuntratti kurrenti li d-debitur huwa parti tagħhom?

Falliment: Jekk id-debitur kien ikkonkluda kuntratt ta' prestazzjoni reċiproka **qabel ma ġie ddikjarat il-falliment** u kien wettqu, iżda l-kontro parti ma kinitx wettqet jew wettqet biss parzjalment il-kuntratt meta ġie ddikjarat il-falliment, il-prattikant fl-insolvenza jista' jitlob li l-kuntratt jitwettaq, jew inkella jirtira minnu. Jekk il-kontro parti issa tkun wettqet parzjalment il-kuntratt, il-prattikant fl-insolvenza jista' jirtira biss minn dawk l-obbligi fil-kuntratt li l-kontro parti tkun għadha ma ssodisfatx.

Jekk id-debitur kien ikkonkluda kuntratt ta' prestazzjoni reċiproka qabel ma ġie ddikjarat il-falliment, u l-kontro parti issa wettqitu, iżda d-debitur ma kienx wettaq jew wettaq parzjalment biss il-kuntratt meta ġie ddikjarat il-falliment, il-kontro parti tista' tirtira minn dawk l-obbligi fil-kuntratt li d-debitur għad irid jissodisfa; madankollu, il-pretensjonijiet tal-kontro parti li jirriżultaw mill-irtirar mill-kuntratt jistgħu jiġu inklużi biss fil-proċedimenti ta' falliment billi jiġu ppreżentati bħala pretensjoni kontinġenti.

Jekk id-debitur kien ikkonkluda kuntratt ta' prestazzjoni reċiproka qabel ma ġie ddikjarat il-falliment, u la d-debitur u lanqas il-kontro parti ma kienu wettquh jew kienu wettquh biss parzjalment meta ġie ddikjarat il-falliment, il-prattikant fl-insolvenza u l-kontro parti jistgħu jirtiraw minn dawk l-obbligi fil-kuntratt li għad

iridu jiġu sodisfatti; madankollu, il-pretensjonijiet tal-kontro parti li jirriżultaw mill-irtirar mill-kuntratt jistgħu jiġu inklużi biss fil-proċedimenti ta' falliment billi jiġu ppreżentati bħala pretensjoni kontinġenti.
Jekk qabel ġie ddikjarat il-falliment id-debitur kien ikkonkluda kuntratt li l-għan tiegħu huwa impenn għal attività kontinwa jew ripetuta, jew impenn li ma jibqax iwettaq ċerta attività jew jittollera ċerta attività, il-prattikant fl-insolvenza jista' jittermina l-kuntratt b'avviż ta' xahrejn, sakemm il-liġi jew il-kuntratt ma jipprovdux għal żmien iqsar għat-terminazzjoni tal-kuntratt; il-prattikant fl-insolvenza jista' wkoll jittermina l-kuntratt anke jekk ikun ġie miftiehem għal terminu fiss. Il-prattikant fl-insolvenza jista' jittermina biss ftehim ta' kiri skont il-kundizzjonijiet stipulati fil-Kodiċi Ċivili (*Občiansky zákonník*). Din id-dispożizzjoni ma tapplikax għal kuntratti konklużi taħt il-Kodiċi tax-Xogħol (*Zákonník práce*).
Jekk il-kontro parti hija obbligata li twettaq minn qabel kuntratt li ġie konkluż mad-debitur qabel ma ġie ddikjarat il-falliment, il-kontro parti tista' tirrifjuta li twettaq il-kuntratt sakemm tkun ġiet ipprovduta jew iggarantita prestazzjoni reċiproka.
Skont kuntratt konkluż mad-debitur qabel ma ġie ddikjarat il-falliment, il-pretensjonijiet tal-kontro parti dwar l-eżekuzzjoni pprovduta mill-kontro parti lill-prattikant fl-insolvenza wara li l-falliment ġie ddikjarat huma pretensjoni kontra l-patrimonju. Sakemm il-leġiżlazzjoni ma tipprovdix mod ieħor, skont kuntratt konkluż mad-debitur qabel ġie ddikjarat il-falliment kwalunkwe pretensjoni oħra tal-kontro parti li tirriżulta wara li ġie ddikjarat il-falliment tista' tiġi inkluża biss fil-proċedimenti ta' falliment billi tiġi ppreżentata bħala pretensjoni kontinġenti.
Jekk qabel ġie ddikjarat il-falliment id-debitur biegħ oġġett b'riżerva ta' titolu u tah lix-xerrej, ix-xerrej jista' jirritorna l-oġġett jew jinsisti fuq it-twettiq tal-kuntratt.
Jekk qabel ġie ddikjarat il-falliment id-debitur xtara u rċieva oġġett b'riżerva ta' titolu mingħajr ma kiseb sjieda tal-oġġett, il-bejjiegħ ma jistax jitlob ir-ritorn tal-oġġett jekk il-prattikant fl-insolvenza jissodisfa l-obbligi taħt il-kuntratt mingħajr dewmien żejjed wara li jintalab jagħmel dan mill-bejjiegħ. Il-prattikant fl-insolvenza jista' jissodisfa l-obbligi skont tali ftehim dwar ix-xiri ta' oġġett bir-riżerva tat-titolu jekk l-oġġett ikun fil-pussess tad-debitur u l-prattikant fl-insolvenza jiddetermina, bl-applikazzjoni tad-diliġenza professjonali, li l-issodisfar tal-obbligi jkun ta' vantaġġ akbar għall-patrimonju. Jekk l-oġġett mhuwiex fil-pussess tad-debitur, kwalunkwe pretensjoni tista' tiġi inkluża biss fil-proċedimenti ta' falliment billi tiġi ppreżentata.
Dawn id-dispożizzjonijiet japplikaw *mutatis mutandis* għal kuntratt li l-għan tiegħu huwa l-kiri ta' oġġett b'kera miftiehma għal terminu fiss, bl-għan li tittieħed is-sjieda tal-oġġett mikri.
Riorganizzazzjoni: Il-kontro parti ma tistax tittermina jew tirtira minn kuntratt konkluż mad-debitur minħabba d-dewmien tad-debitur fil-prestazzjoni li għaliha l-kontro parti kienet intitolata qabel il-bidu ta' proċedimenti ta' riorganizzazzjoni, u kwalunkwe terminazzjoni jew irtirar mill-kuntratt għal din ir-raġuni ma għandha jew ma għandu l-ebda effett. Arranġamenti kuntrattwali li jippermettu lill-kontro parti tittermina jew tirtira minn kuntratt konkluż mad-debitur għal raġuni ta' proċedimenti ta' riorganizzazzjoni jew falliment ma għandhom l-ebda effett.
Ftehim mid-dejn permezz ta' falliment: Wara li jiġi ddikjarat il-falliment huwa possibbli li jiġi tterminat kuntratt li l-għan tiegħu huwa l-impenn għal attività kontinwa jew ripetuta, jew impenn li ma titwettaqx jew ma tiġix ittollerata ċerta attività, sakemm ġie konkluż qabel ma ġie ddikjarat il-falliment. Jekk il-kuntratt jikkonċerna assi soġġetti għal proċedimenti ta' falliment, il-prattikant fl-insolvenza jista' jittermina l-kuntratt; f'każijiet oħra d-debitur jista' jagħmel dan. It-terminazzjoni tidħol fis-seħħ meta l-avviż jiġi nnotifikat lill-kontro parti. Kuntratt jista' jiġi tterminat ukoll anki jekk ikun miftiehem għal terminu fiss. Ftehim dwar it-twellija ta' appartament fir-rigward ta' parti terza li tkun il-kerrej jista' jiġi tterminat biss skont il-kundizzjonijiet stipulati fil-Kodiċi Ċivili u f'leġiżlazzjoni separata.
Id-debitur, il-prattikant fl-insolvenza jew il-kontro parti jistgħu jirtiraw minn kuntratt ieħor jekk ikun ġie konkluż qabel ma ġie ddikjarat il-falliment u jkun għad irid jitwettaq kollu. Tali rtirar jista' jkun biss sal-limitu ta' dawk l-obbligi li għadhom iridu jiġu sodisfatti bejn il-partijiet b'mod reċiproku.
Id-dispożizzjonijiet dwar il-bejgħ ta' oġġett bir-riżerva ta' titolu, u dwar kuntratt li l-għan tiegħu huwa l-kiri ta' oġġett b'kera miftiehma għal terminu fiss, bl-għan li tittieħed is-sjieda tal-oġġett mikri, japplikaw bl-istess mod li japplikaw fi proċedimenti ta' falliment.
Id-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq ma japplikawx għall-kuntratti u l-ftehimiet konklużi taħt il-Kodiċi tax-Xogħol.
Ftehim mid-dejn permezz ta' skeda ta' ħlas: M'hemm l-ebda dispożizzjoni speċjali dwar ir-relazzjonijiet kuntrattwali tad-debitur, u għandhom japplikaw ir-regolamenti "klassiċi" taħt il-liġi ċivili u kummerċjali.

7 X'effetti għandhom il-proċedimenti ta' insolvenza fuq il-proċedimenti miġjuba minn kredituri individwali (bl-eċċezzjoni ta' kawżi pendenti)?

L-effetti tad-dikjarazzjoni ta' falliment:
Il-proċedimenti ta' infurzar jew ta' sekwestru ma jistgħux jinfetħu fuq assi soġġetti għal proċedimenti ta' falliment matul il-proċedimenti ta' falliment; il-proċedimenti ta' infurzar jew ta' sekwestru diġà miftuħa jitwaqqfu meta jiġi ddikjarat il-falliment.
L-infurzar ta' interess ta' garanzija ma jistax jinbeda jew jitkompla għal assi li jappartjenu għad-debitur għar-responsabbiltà tad-debitur li hija ggarantita minn interess ta' garanzija; dan l-effett ma japplikax għal:
l-infurzar ta' interess ta' garanzija relatat ma' flus jew pretensjonijiet minn kont f'bank jew f'fergħa ta' bank barrani;
bonds tal-gvern;
titoli trasferibbli.
Jekk qabel ġie ddikjarat il-falliment l-oġġett ta' rkant ingħata skont leġiżlazzjoni separata, u tali oġġett ikun soġġett għal proċedimenti ta' falliment, u l-offerent ikun ħallas lill-irkantatur il-prezz stabbilit fl-irkant, is-sjieda jew dritt ieħor għall-oġġett tal-irkant jgħaddu għand l-offerent. Ir-rikavat mill-irkant isir parti mill-patrimonju rilevanti u l-ispejjeż tal-irkant huma pretensjoni kontra dak il-patrimonju; jekk l-irkant ikun intalab minn kreditur bi pretensjoni garantita, ir-rikavat jitħallas lill-kreditur sal-ammont tal-pretensjoni garantita, bħallikieku l-falliment ma ġiex iddikjarat.
L-effetti tar-riorganizzazzjoni:
- Il-proċedimenti ta' infurzar jew ta' sekwestru ma jistgħux jinfetħu fuq assi li jappartjenu għad-debitur għal pretensjoni li tiġi ppreżentata fil-proċess ta' riorganizzazzjoni; proċedimenti ta' infurzar jew ta' sekwestru diġà miftuħa jiġu sospiżi meta jiġi ddikjarat falliment u wara jitwaqqfu fil-proċedimenti. Jekk f' dawn il-proċedimenti diġà jkunu ġew irrealizzati xi assi, iżda r-rikavat ikun għadu jrid jitħallas lill-parti intitolata, ir-rikavat jiġi rritornat lura lid-debitur nieqes l-ispejjeż tal-proċedimenti.

Mhuwiex possibbli li jinfetaħ jew jitkompla l-infurzar ta' interess ta' garanzija fuq assi li jappartjenu għad-debitur għal pretensjoni garantita li tiġi ppreżentata fil-proċess ta' riorganizzazzjoni.

8 X'inhu l-effett ta' proċediment ta' insolvenza fuq il-kontinwazzjoni ta' kawżi pendenti fil-mument tal-ftuħ ta' proċediment ta' insolvenza?

Falliment:
Meta jiġi ddikjarat il-falliment, il-proċedimenti ġudizzjarji kollha u oħrajn jiġu sospiżi u l-limiti ta' żmien jitwaqqfu.
Il-proċedimenti jistgħu jitkomplew fuq proposta tal-prattikant fl-insolvenza, li billi jressaq petizzjoni biex il-proċedimenti jkomplu, isir parti għall-proċedimenti minflok id-debitur.
Il-proċedimenti li ġejjin ma jiġux sospiżi:
proċedimenti biex jissolvew kriżijiet fis-swieq finanzjarji fis-sens tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014,
proċedimenti fiskali,
proċedimenti doganali,
proċedimenti ta' esproprjazzjoni,

proċedimenti ta’ manteniment,
proċedimenti kriminali (iżda ma jistax ikun hemm sentenzi dwar danni),
anki fil-proċedimenti ta’ hawn fuq, il-limitu ta’ żmien għall-prattikant fl-insolvenza biex jippreżenta rimedju ma jiskadix qabel 30 jum mill-ewwel laqgħa tal-kredituri.

Riorganizzazzjoni:

Meta tkun permessa r-riorganizzazzjoni, kwalunkwe proċediment ġudizzjarju u ta’ arbitraġġ li jikkonċerna pretensjonijiet li jitressqu fil-proċess tar-riorganizzazzjoni jiġi sospiż.
Il-pretensjonijiet jistgħu jsiru biss billi jiġu ppreżentati (iċ-ċaħda u l-istabbiliment ta’ pretensjonijiet).

Ħelsien mid-dejn permezz ta’ falliment:

Il-proċedimenti ġudizzjarji fuq pretensjoni li tista’ tiġi ssodisfata biss fil-proċedimenti ta’ falliment jitwaqqfu; madankollu, il-perjodu ta’ limitazzjoni ma jiskadix qabel 60 jum wara li jkun ġie ddikjarat il-falliment.
Jekk il-falliment jitwaqqaf aktar tard minħabba li ma kien hemm l-ebda prekundizzjoni għall-proċedimenti tal-falliment, il-waqfien tal-proċedimenti jiġi injorat.
Jekk kreditur ieħor ikun ċaħad pretensjoni li ma tkunx ġiet affettwata minn ħelsien mid-dejn, iċ-ċaħda tal-pretensjoni tagħti lil dan il-kreditur id-dritt li jintervjeni fil-proċedimenti.

Ħelsien mid-dejn permezz ta’ skeda ta’ ħlas:

Dan m’għandu l-ebda effett fuq proċedimenti ġudizzjarji jew proċedimenti oħrajn.

9 Liema huma l-karatteristiċi ewlenin tal-parteċipazzjoni tal-kredituri fil-proċedimenti ta’ insolvenza?

Falliment:

Il-kredituri:
Il-kredituri jeżerċitaw b’mod awtonomu r-rieda tagħhom rigward it-twettiq tal-proċedimenti ta’ falliment, jew b’mod indipendenti jew permezz ta’ korpi tal-kredituri. B’dan il-mod jistgħu jinfluwenzaw il-proċedimenti ta’ falliment u jissorveljaw l-amministrazzjoni u r-realizzazzjoni tal-assi. Huma jistgħu jagħtu struzzjonijiet lill-prattikant fl-insolvenza dwar kif għandu jipproċedu; jistgħu wkoll jiċħdu pretensjonijiet, eċċ.
Matul il-proċedimenti ta’ falliment il-qorti tissorvelja x-xogħol tal-prattikant fl-insolvenza.

Riorganizzazzjoni:

Il-kredituri:
Ir-rwol tal-kredituri huwa li jikkontribwixxu, permezz ta’ korpi tal-kredituri, għat-tfassil u l-approvazzjoni tal-pjan ta’ riorganizzazzjoni.
Kreditur li jippreżenta pretensjoni lill-prattikant fl-insolvenza huwa intitolat li jippreżenta suġġeriment lill-prattikant fl-insolvenza biex jiċħad pretensjoni ppreżentata (oħra).

Ħelsien mid-dejn permezz ta’ falliment:

Il-kredituri:
Il-kredituri jridu jippreżentaw il-pretensjonijiet tagħhom.
Il-kredituri garantiti jistgħu jikkunsidraw li jippreżentaw il-pretensjonijiet tagħhom; madankollu, jistgħu wkoll jinfurzaw l-interessi ta’ garanzija tagħhom.
Kreditur jista’ jiċħad il-pretensjonijiet ta’ kredituri oħra.
Kreditur jista’ jaġixxi bħala r-rappreżentant tal-kredituri.
Wara dan (wara li jintemmu l-proċedimenti), kreditur jista’ jiftaħ rikors kontra d-debitur biex jikkanċella l-ħelsien mid-dejn minħabba intenzjoni ħażina.

Ħelsien mid-dejn permezz ta’ skeda ta’ ħlas:

Il-kredituri:
L-iskeda ta’ ħlas tikkonċerna biss lill-kredituri mhux garantiti; il-kredituri garantiti mhumiex affettwati mill-ħelsien mid-dejn permezz ta’ skeda ta’ ħlas.
Il-kredituri jridu jaċċettaw il-protezzjoni kontra l-kredituri li tipprovdi l-qorti.
Kreditur li jkun affettwat mill-iskeda tal-ħlas jista’ joġġezzjona għall-iskeda tal-ħlas ladarba l-prattikant fl-insolvenza jkun ħabbar l-abbozzar tal-iskeda tal-ħlas u għall-perċentwali proposta biex jiġu sodisfatti l-kredituri mhux garantiti.
Wara dan (wara li jintemmu l-proċedimenti), kreditur jista’ jiftaħ rikors kontra d-debitur biex jikkanċella l-ħelsien mid-dejn minħabba intenzjoni ħażina.

10 B’liema mod jista’ l-prattikant tal-insolvenza juża jew jiddisponi minn assi tal-patrimonju?

Falliment

Meta jinħareġ id-digriet ta’ falliment, id-dritt tad-debitur li jiddisponi mill-assi soġġetti għal proċedimenti ta’ falliment u d-dritt li jaġixxi f’isem id-debitur fi kwistjonijiet li jikkonċernaw lil dawn l-assi jgħaddu f’idejn il-prattikant fl-insolvenza, li issa jaġixxi f’isem id-debitur u għad-debitur.
Jekk l-atti legali mid-debitur matul il-proċedimenti ta’ falliment ikunu għad-detriment tal-assi li huma soġġetti għall-proċedimenti ta’ falliment, dawn ma jkunux effettivi fir-rigward tal-kredituri; dan ma jippreġudikax il-validità tagħhom.
Fil-proċedimenti ta’ falliment, dawk li jkollhom iħallsu djun soġġetti għall-proċedimenti ta’ falliment ikunu obbligati jħallsuhom lill-prattikant fl-insolvenza; dan l-obbligu xorta japplika jekk iħallsu lil parti oħra, sakemm il-prattikant fl-insolvenza ma jirċevix tali pagamenti.
Matul il-proċedimenti ta’ falliment id-debitur jista’ jirrifjuta biss rigal jew wirt bil-kunsens tal-prattikant fl-insolvenza; inkella ċ-ċaħda tar-rigal jew il-wirt ma tkunx effettiva fir-rigward tal-kredituri.
Jekk isir digriet ta’ falliment għal persuna ġuridika li tkun qed tiġi likwidata, il-likwidazzjoni tiġi interrotta sakemm il-proċedimenti ta’ falliment jiġu kkanċellati.
Il-korp kompetenti (il-kumitat tal-kredituri, il-kreditur garantit, jew f’każijiet speċjali l-qorti) jagħti struzzjonijiet u jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-prattikant fl-insolvenza dwar l-amministrazzjoni tal-assi, it-tmexxija tal-intrapriża tad-debitur jew parti minnha, u r-realizzazzjoni tal-assi. Dan jinkludi wkoll il-kiri tal-assi jew ta’ parti sostanzjali minnhom (b’restrizzjonijiet meta l-intrapriża tkun qed topera).
Il-korp kompetenti joħroġ ukoll struzzjonijiet dwar:
il-konklużjoni ta’ ftehim dwar il-provvista temporanja ta’ fondi b’rabta mat-tmexxija tal-intrapriża tad-debitur;
l-issoktar tat-tmexxija tal-intrapriża jekk id-debitur huwa tip partikolari ta’ istituzzjoni finanzjarja;
l-istabbiliment ta’ rahan fuq l-assi tad-debitur;
il-konklużjoni ta’ ftehim dwar it-tmexxija tal-impriża tad-debitur, li fih il-prattikant fl-insolvenza jimpenja ruħu li jkompli l-prestazzjoni wara perjodu partikolari ta’ żmien jew perċentwal partikolari ta’ fatturat;
Il-prattikant fl-insolvenza jrid jitlob struzzjoni qabel ma jagħmel l-att legali inizjali f’din il-kwistjoni, u jrid jistenna l-istruzzjoni. Jekk il-korp kompetenti ma jweġibx, il-prattikant jitlob lill-qorti tiddeċiedi kif għandu jipproċedi, u d-digriet tal-qorti jkun vinkolanti fuq il-prattikant. It-talba tal-prattikant trid tinkludi l-informazzjoni kollha rilevanti.
F’materji oħrajn il-korp kompetenti jista’ jirrakkomanda kif jenħtieġ li jipproċedi l-prattikant fl-insolvenza, u jekk il-prattikant jirrifjuta li jikkonforma ma’ din ir-rakkomandazzjoni, il-korp jista’ jitlob lill-qorti tiddeċiedi kif għandu jipproċedi, u d-digriet tal-qorti jkun vinkolanti fuq il-prattikant.

Jekk il-korp kompetenti jagħti struzzjonijiet lill-prattikant fl-insolvenza biex jaġixxi b'mod li jmur kontra l-interessi tal-kredituri l-oħra jew ir-regoli għar-realizzazzjoni tal-assi, il-prattikant fl-insolvenza għandu jirrifjuta li jaġixxi skont l-istruzzjoni u għandu jitlob lill-korp jemendaha. Jekk il-korp kompetenti ma jweġibx, il-prattikant għandu jitlob lill-qorti tiddeċiedi kif għandu jipproċedi, u d-digriet tal-qorti jkun vinkolanti fuq il-prattikant.
Il-prattikant fl-insolvenza jamministra l-assi soġġetti għall-proċedimenti ta' falliment b'diliġenza professjonali biex jiżgura li dawn ikunu protetti b'mod adegwat mit-telf, ħsara, qerda jew indeboliment ieħor, u li l-ispejjeż imġarrba għall-amministrazzjoni tal-assi jkunu biss f'livell li huwa essenzjali, wara li jkun ivvaluta l-espedjenza u l-ekonomija ta' dawn l-ispejjeż.
Meta jamministra l-assi soġġetti għall-proċedimenti ta' falliment, il-prattikant fl-insolvenza ma jista' jiffavorixxi lill-ebda wieħed mill-kredituri, u lanqas ma jista' jagħti prijorità lill-interessi personali jew lill-interessi ta' ħaddieħor fuq l-interess komuni tal-kredituri kollha.
Il-prattikant fl-insolvenza jista' jikri l-assi tad-debitur li jkunu soġġetti għall-proċedimenti ta' falliment. Il-prattikant huwa obbligat li jiftiehem dwar kuntratt ta' kera li fih il-kera tkun tal-anqas fil-livell li għalih tali oġġett ikun normalment mikri fil-post u fiż-żmien stipulati, u jrid jiżgura li l-kuntratt tal-kera ma jistabbilixxi l-ebda obbligu għad-debitur minbarra dawk statutorji, u li l-obbligi tal-kerrej skont il-kuntratt tal-kirja huma garantiti kif suppost, u jrid jiżgura wkoll li l-kuntratt tal-kirja jista' jiġi tterminat b'notifika ta' xahar. Jekk dawn il-kundizzjonijiet ma jiġux sodisfatti, il-prattikant jista' jikkonkludi biss kuntratt ta' kera bil-kunsens tal-korp kompetenti. Id-dħul minn din il-kirja huwa ttrattat bħala rikavat mir-realizzazzjoni tal-assi soġġetti għall-proċedimenti ta' falliment.
Wara li jiġi ddikjarat il-falliment, il-prattikant fl-insolvenza jista' jkompli xi whud mill-attivitajiet relatati man-negozju tad-debitur jekk dan iżid il-valur tal-assi soġġetti għall-proċedimenti tal-falliment, jew jipprekludi li l-valur tagħhom jonqos. Jekk l-ispejjeż ta' dawn l-attivitajiet ikunu akbar mid-dħul minnhom, il-prattikant għandu jwaqqaf dawn l-attivitajiet mingħajr dewmien.

Realizzazzjoni tal-assi

L-għan li jiġu rrealizzati l-assi soġġetti għal proċedimenti ta' falliment huwa li jinkiseb l-ikbar rikavat possibbli fl-iqsar żmien possibbli u bl-inqas spiża possibbli. Meta jirrealizza dawn l-assi, il-prattikant fl-insolvenza jagħżel b'diliġenza professjonali metodu li jissodisfa bl-aħjar mod l-għan tar-realizzazzjoni u jikkonforma mar-regoli għar-realizzazzjoni stabbiliti fil-leġiżlazzjoni.
Il-prattikant fl-insolvenza maħtur meta jiġi ddikjarat il-falliment jirrealizza mingħajr dewmien kwalunkwe assi li jkun fil-periklu immedjat ta' rovina, qerda jew ħsara sostanzjali oħra; dan ma jeħtieġ l-ebda struzzjoni mill-korp kompetenti u lanqas deċiżjoni mill-qorti. Il-prattikant jista' jibda jirrealizza l-assi l-oħra wara l-ewwel laqgħa tal-kredituri.
Il-prattikant fl-insolvenza jżomm rekords trasparenti tar-realizzazzjoni tal-assi soġġetti għall-proċedimenti ta' falliment, b'reġistri separati għall-patrimonju ġenerali u għal kull patrimonju separat. Wara li jirrealizza kull assi, il-prattikant jalloka r-rikavat lil dik il-parti tal-lista li kienet l-oġġett tar-realizzazzjoni. Jekk il-prattikant jirrealizza b'mod konġunt diversi partijiet u r-rikavat individwali ma jistax jiġi determinat, il-prattikant jaqsam ir-rikavat konġunt b'mod proporzjonat bejn il-partijiet ikkonċernati f'konformità mal-valuri relattivi tagħhom skont il-valuri ddikjarati fil-lista.
Il-prattikant fl-insolvenza jiddepożita r-rikavat mir-realizzazzjoni tal-assi soġġetti għall-proċedimenti ta' falliment f'kont bankarju jew f'fergħa ta' bank barrani; l-imgħax imħallas mill-bank jew mill-fergħa ta' bank barrani fuq il-bilanċ fil-kont jiġi ttrattat bħala rikavat mir-realizzazzjoni tal-assi soġġetti għall-proċedimenti ta' falliment.
Għall-finijiet tar-realizzazzjoni tal-assi, il-prattikant fl-insolvenza jista':
(a) iħabbar offerta pubblika kompetittiva,
(b) jafda l-bejgħ tal-assi lil irkantatur,
(c) jafda l-bejgħ tal-assi lil negozjant tat-titoli,
(d) jagħmel irkant, sejħa għall-offerti jew proċess kompetittiv ieħor li jwassal għall-bejgħ tal-assi,
(e) ibiegħ l-assi b'mod xieraq ieħor.
Meta jkun qed jirrealizza intrapriża, il-prattikant fl-insolvenza juża kuntratt biex jittrasferixxi lix-xerrej l-oġġetti, id-drittijiet u l-assi l-oħra kollha li jkunu tal-intrapriża. Mill-obbligazzjonijiet relatati mal-intrapriża, l-uniċi obbligazzjonijiet mgħoddija lix-xerrej huma dawk li jirriżultaw b'rabta mal-operat tal-intrapriża tad-debitur wara li ġie ddikjarat il-falliment, flimkien ma' obbligazzjonijiet mhux monetarji mir-relazzjonijiet ta' impjieg elenkati fil-kuntratt (il-prinċipju ta' *nemo plus iuris* ma japplikax).
Jekk il-prattikant fl-insolvenza jirrealizza l-assi soġġetti għall-proċedimenti tal-falliment minbarra billi jbiegħ l-intrapriża, parti mill-intrapriża jew parti sostanzjali mill-assi tal-intrapriża, il-prattikant jista' jirrealizza biss proprjetà immobbli soġġetta għall-proċeduri ta' falliment permezz ta' rkant; il-prattikant iħabbar l-irkant fil-Bullettin Kummerċjali (*Obchodný vestník*).
Meta jirrealizza l-assi, il-prattikant fl-insolvenza mhuwiex marbut bid-dritt li ta' aċċess għat-trasferiment tal-ishma, id-dritt li jintalab it-trasferiment tal-ishma, id-dritt li jintalab l-akkwist tal-ishma jew kwalunkwe jedd kuntrattwali ta' prelazzjoni. Jekk jirrealizza assi li għalihom hemm jedd statutorju ta' prelazzjoni, jew jedd ta' prelazzjoni stabbilit bħala dritt *in rem*, il-prattikant fl-insolvenza jikteb biex joffri l-oġġett tal-jedd ta' prelazzjoni lil min huwa intitolat taħt id-dritt ta' prelazzjoni; il-prattikant fl-insolvenza mhuwiex marbut b'dan iljedd ta' prelazzjoni jekk il-parti intitolata ma teżerċitahx fi żmien 60 jum minn meta tirċievi l-offerta bil-miktub.
Bir-realizzazzjoni tal-assi, l-interessi kollha ta' garanzija jiskadu, minbarra r-rahan stabbilit mill-prattikant fl-insolvenza wara li ġie ddikjarat il-falliment b'reazzjoni għal struzzjoni mill-korp kompetenti, jew interess ta' garanzija fl-assi ta' parti terza li huwa kklassifikat aktar għoli mill-interess ta' garanzija li jiggarantixxi r-responsabbiltà tad-debitur.
Fit-trasferiment ta' oġġett bi ħlas, ix-xerrej jikseb is-sjieda anki jekk id-debitur ma kienx is-sid tal-oġġett, sakemm ix-xerrej ma kienx jaf jew kellu jkun jaf li d-debitur, jew parti terza li l-assi tagħha kienu jiggarantixxu r-responsabbiltà tad-debitur, ma kienx jew ma kinitx is-sid tal-oġġett. Il-prattikant fl-insolvenza huwa responsabbli għas-sid oriġinali tal-oġġett għal kwalunkwe dannu li jkun sofra sakemm il-prattikant ma jkunx jista' juri li huwa jkun aġixxa b'diliġenza professjonali.

Ħelsien mid-dejn permezz ta' falliment

Meta jinħareġ id-digriet ta' falliment, id-dritt tad-debitur li jiddisponi mill-assi soġġetti għal proċedimenti ta' falliment u d-dritt ta' azzjoni f'isem id-debitur fi kwistjonijiet li jikkonċernaw lil dawn l-assi jgħaddu f'idejn il-prattikant fl-insolvenza, li issa jaġixxi f'isem id-debitur u għad-debitur.
Jekk l-atti legali mid-debitur matul il-proċedimenti ta' falliment ikunu għad-detriment tal-assi li huma soġġetti għall-proċedimenti ta' falliment, dawn ma jkunux effettivi fir-rigward tal-kredituri; dan ma jippreġudikax il-validità tagħhom.
Id-debitur, u bil-kunsens tad-debitur persuna li tkun qrib id-debitur, jitħallew jużaw oġġett soġġett għall-proċedimenti ta' falliment bħas-soltu, iżda huma obbligati jipproteġuh minn telf, ħsara jew qerda, u joqogħdu lura minn kwalunkwe ħaġa li tnaqqas il-valur tiegħu lil hinn mit-tkagħbir bl-użu normali. Kull min juża oġġett li huwa parti mill-patrimonju tal-falliment huwa obbligat li jippermetti lill-prattikant fl-insolvenza li jeżaminah f'kull ħin. Jekk xi ħadd ieħor li ma jkunx id-debitur jew persuna fil-qrib ikollu l-użu ta' dan l-oġġett, din il-parti tista' tużah biss bil-permess tal-prattikant. Id-dħul kollu minn dan l-użu tal-oġġett minn parti terza huwa parti mill-patrimonju tal-falliment.
Il-prattikant fl-insolvenza jirrealizza l-proprjetà immobbli ta' valur ogħla soġġetta għall-proċedimenti ta' falliment bl-irkant, u jirrealizza l-proprjetà immobbli ta' valur aktar baxx soġġetta għall-proċedimenti ta' falliment bħala proprjetà mobbli.

L-offerta l-aktar baxxa meta tkun qed tiġi realizzata l-proprjetà immobbli bl-irkant hija l-ammont speċifikat minn kreditur garantit depożitat li l-interess ta' garanzija tiegħu fl-oġġett irkantat ikun ikklassifikat bħala l-aktar superjuri, jew mir-rappreżentant tal-krediturі jekk ma jkunx hemm interess ta' garanzija fl-oġġett irkantat.

Ir-realizzazzjoni tad-dar tad-debitur

Il-prattikant fl-insolvenza jista' jirrealizza d-dar tad-debitur bl-irkant.

Id-dar tad-debitur ma tistax tiġi realizzata jekk wara li jitnaqqas il-valur eżentat tad-dar (EUR 10 000) ir-rikavat ma jkunx ikopri l-ispejjeż tar-realizzazzjoni tad-dar u mill-inqas parti mill-pretensjonijiet tal-krediturі reġistrati. Il-prattikant fl-insolvenza jistma l-valur tad-dar tad-debitur; madankollu, jekk xi wieħed mill-krediturі jippreżenta opinjoni esperta u jħallas ħlas bil-quddiem għall-ħlas tan-nutar biex jivverifika l-progress tal-irkant, id-deċiżjoni hija bbażata fuq l-opinjoni esperta. Jekk l-oġġett imbagħad ma jiġix realizzat, dan il-kreditur huwa obbligat li jħallas l-ispejjeż tar-realizzazzjoni.

Jekk id-dar tad-debitur tiġi realizzata, il-prattikant fl-insolvenza jħallas ammont li jikkorrispondi għall-valur eżentat tad-dar tad-debitur (barra mill-iskeda tad-distribuzzjoni) f'kont tal-bank speċjali li l-prattikant ikun fetaħ għal dan il-għan f'isem id-debitur u għall-kont tad-debitur, u jagħti parir lid-debitur dwar dan mingħajr dewmien żejjed. Il-prattikant biss huwa awtorizzat li jiddepożita fondi fil-kont speċjali tad-debitur jew li jittrasferixxi fondi fih.

Fondi fil-kont speċjali tad-debitur mhumiex soġġetti għal proċedimenti ta' falliment, proċedimenti ta' sekwestru jew proċedimenti ta' infurzar simili għal 36 xahar wara l-ftuħ tal-kont.

Matul dawn is-36 xahar, id-debitur mhux awtorizzat li jiddisponi minn dan il-kont speċjali, iżda għandu d-dritt li jitlob mill-bank jew mill-fergħa ta' bank barrani l-irtirar ta' flus kontanti mill-kont, bl-ammont massimu ta' kull xahar speċifikat mill-gvern Slovakk f'regolament (EUR 250).

Jekk id-dar tad-debitur tiġi realizzata u tkun il-proprjetà tal-komunjoni tal-konjuġi, il-prattikant fl-insolvenza jiftaħ ukoll kont speċjali tad-debitur għal dak li qabel kien koproprjetarju tal-komunjoni.

Ir-realizzazzjoni tal-beni mobbli

Il-prattikant fl-insolvenza jirrealizza beni mobbli soġġetti għall-proċedimenti ta' falliment bħala pool ta' assi wieħed jew aktar f'sejħa għall-offerti. Għal dan il-għan, il-prattikant jippubblika fil-Bullettin Kummerċjali l-pool ta' assi għall-offerti u l-iskadenza għall-offerti, li ma tistax tkun inqas minn għaxart ijiem kalendarji wara l-pubblikazzjoni tal-offerta fil-Bullettin Kummerċjali. Jiġu kkunsidrati biss offerti fejn il-parti interessata tkun iddepożitat fil-kont tal-prattikant il-ħlas sħiħ bil-quddiem għall-offerta tal-prezz tax-xiri. L-ogħla prezz ta' xiri jiddeċiedi l-bejgħ. Jekk diversi partijiet interessati jagħmlu l-istess offerta, il-prattikant jiddeċiedi bix-xorti. Ix-xerrej huwa obbligat li jagħmel arranġamenti għat-tneħħija tal-oġġetti bi spejjeż għax-xerrej.

Jekk il-beni mobbli soġġetti għall-proċedimenti ta' falliment ma jistgħux jiġu realizzati fit-tielet sejħa għall-offerti, ma jibqgħux soġġetti għall-proċedimenti ta' falliment. Jekk kreditur bi pretensjoni ppreżentata jesprimi interess f'din il-ġabra ta' beni mobbli, il-prattikant fl-insolvenza jittrasferih lill-kreditur bi pretensjoni ppreżentata li jagħmel l-ogħla offerta fi żmien għaxart ijiem mit-tmiem tat-tielet sejħa għall-offerti. Jekk diversi krediturі bi pretensjonijiet ippreżentati jagħmlu l-istess offerta, il-prattikant jiddeċiedi bix-xorti. Il-kreditur huwa obbligat li jagħmel arranġamenti għat-tneħħija tal-oġġetti bi spejjeż għall-kreditur.

Bi tweġiba għal struzzjoni bil-miktub mir-rappreżentant tal-krediturі jew mill-kreditur garantit ikkonċernat, il-prattikant fl-insolvenza jista' jirrealizza l-beni mobbli b'mod ieħor. Jekk diversi krediturі garantiti jkunu kkonċernati, l-istruzzjoni bil-miktub tista' tinħareġ biss mill-kreditur li l-interess ta' garanzija tiegħu jkun ikklassifikat bħala l-aktar superjuri.

Ir-realizzazzjoni ta' riċevibbli u assi oħra

Jekk ir-riċevibbli tad-debitur ikunu parti mill-patrimonju ta' falliment, il-prattikant fl-insolvenza jfittex li jirkuprahom, iżda ma jressaqx talba lil xi qorti jew awtorità kompetenti oħra għall-ħlas tagħhom. Jekk il-prattikant ma jkunx irnexxielu sitt xhur wara li jkun ġie ddikjarat il-falliment, ir-riċevibbli jiġu realizzati billi jiġu assenjati bħala beni mobbli. Il-prattikant mhux marbut b'xi arranġamenti li jipprojbixxu jew jirrestriġu l-assenjazzjoni ta' riċevibbli. Dawn ir-restrizzjonijiet ma jibqgħux japplikaw meta r-riċevibbli jkun assenjat.

Jekk riċevibbli jkun parti mill-patrimonju ta' falliment, il-perjodu ta' limitazzjoni jiġi sospiż u jissokta biss ladarba r-riċevibbli ma jibqax soġġett għall-proċedimenti ta' falliment. Il-qorti jew awtorità oħra tissospendi kwalunkwe proċediment li jinvolvi riċevibbli soġġett għall-proċedimenti ta' falliment sakemm ir-riċevibbli ma jibqax soġġett għall-proċedimenti ta' falliment.

Il-prattikant fl-insolvenza jirrealizza assi oħra b'mod simili għall-beni mobbli jew għar-riċevibbli.

Id-dritt tax-xiri lura ta' assi mill-patrimonju ta' falliment

Bil-kunsens tad-debitur, persuna intitolata (definita hawn taħt) għandha d-dritt li tixtri lura fi kwalunkwe ħin kwalunkwe parti mill-assi mill-patrimonju ta' falliment bil-prezz stabbilit minn opinjoni esperta. F'dan il-każ, id-dispożizzjonijiet dwar ir-regoli għar-realizzazzjoni ma japplikawx.

Bil-kunsens tad-debitur, persuna intitolata għandha d-dritt li tixtri lura assi mill-patrimonju ta' falliment għall-prezz miksub f'irkant jew offerta, jew għall-prezz tal-offerta minn kreditur, sakemm il-persuna intitolata tagħti dan il-prezz lill-prattikant fl-insolvenza fi żmien għaxart ijiem mit-tmiem tal-irkant jew tal-offerta, jew mit-twettiq ta' offerta mill-kreditur.

Jekk bil-kunsens tad-debitur, il-qarib dirett tiegħu, wieħed jew waħda minn ħutu, jew il-konjuġi jeżerċita d-dritt li jixtri lura d-dar tad-debitur mill-patrimonju ta' falliment, il-valur eżentat tad-dar tad-debitur jiġi paċut mal-prezz tax-xiri.

Għall-finijiet tal-invokazzjoni tad-dritt tax-xiri lura ta' assi mill-patrimonju tal-falliment, persuna intitolata għandha tinftiehem bħala qarib dirett tad-debitur, aħwa, konjuġi, jew il-muniċipalità fejn tinsab il-proprjetà immobbli.

Jekk id-dritt ta' persuna intitolata li tixtri lura assi mill-patrimonju ta' falliment jinkiser, il-persuna intitolata għandha d-dritt li titlob li l-akkwirent joffri li jbiegħ l-oġġett lil din il-persuna. Dan id-dritt jiskadi jekk ma jiġix eżerċitat fi żmien tliet xhur mir-realizzazzjoni tal-oġġett.

11 Liema talbiet għandhom jiġu ppreżentati kontra l-patrimonju tal-insolvenza tad-debitur u kif għandhom jiġu ttrattati t-talbiet li jsiru wara l-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza?

Falliment

Kreditur jista' jippreżenta l-pretensjonijiet kollha kontra d-debitur, inklużi pretensjonijiet li għad fadlilhom biex jitħallsu.

Tista' tiġi ppreżentata wkoll pretensjoni garantita (b'interess ta' garanzija fl-assi tad-debitur).

Pretensjoni garantita li kreditur għandu kontra persuna li ma tkunx id-debitur tista' tiġi ppreżentata jekk l-interess ta' garanzija jikkonċerna l-assi tad-debitur (hemm ċerti restrizzjonijiet fuq is-sodisfazzjon f'tali każijiet); jekk it-tali pretensjoni ma tiġix iddepożitata, din tiġi trattata bħala pretensjoni aktar dgħajfa kontra l-patrimonju.

Jistgħu jiġu ppreżentati wkoll pretensjonijiet futuri u pretensjonijiet kontinġenti.

Il-pretensjonijiet li ma jiġux ippreżentati permezz ta' rikors jissejħu pretensjonijiet kontra l-patrimonju.

Huma jinqasmu fi pretensjonijiet kontra l-patrimonju ġenerali u pretensjonijiet kontra patrimonju separat (iggarantiti b'interess ta' garanzija).

Dan jikkonċerna, pereżempju:

l-ispejjeż biex jiġi realizzat il-patrimonju, l-iskeda tad-distribuzzjoni, il-ħlas tal-prattikant fl-insolvenza u l-ħlas u l-ispejjeż tal-prattikant interim;

id-dritt għal rifużjoni tal-ħlas bil-quddiem għall-ispejjeż tal-proċedimenti ta' falliment;

il-ħlas lura tal-ispejjeż neċessarji tal-prattikant fl-insolvenza għall-ġestjoni tal-proċedimenti ta' falliment;

il-manteniment tat-tfal li sar dovut wara li ġie ddikjarat il-falliment u għax-xahar kalendarju li fih ġie ddikjarat il-falliment;

l-ispejjeż assoċjati mal-ġestjoni tal-patrimonju u l-pretensjonijiet li jirriżultaw f'konnessjoni mat-tmexxija tal-intrapriża matul il-proċedimenti ta' falliment, inklużi l-pretensjonijiet minn kuntratti konklużi mill-prattikant fl-insolvenza;
il-ħlas għal-likwidatur u r-rappreżentant responsabbli u l-ħlas lura tal-ispejjeż meħtieġa wara li ġie ddikjarat falliment;
il-pagi ta' impjegat u drittijiet oħra taħt kuntratt ta' impjieg jew kuntratt ta' xogħol imwettaq barra mill-impjieg ("drittijiet tax-xogħol") li jirriżultaw wara li ġie ddikjarat il-falliment u għax-xahar kalendarju li fih ikun ġie ddikjarat il-falliment, f'ammont stabbilit mill-prattikant fl-insolvenza jew miftiehem bejn il-prattikant fl-insolvenza u l-impjegat li lilu l-prattikant ikun assenja xogħol relatat mal-ġestjoni tal-patrimonju;
id-drittijiet tax-xogħol ta' impjegat li jirriżultaw wara li ġie ddikjarat il-falliment u għax-xahar kalendarju li fih ġie ddikjarat il-falliment, f'ammont stabbilit mill-prattikant fl-insolvenza jew miftiehem bejn il-prattikant fl-insolvenza u l-impjegat li lilu l-prattikant ikun assenja xogħol relatat mat-tmexxija tal-intrapriża matul il-proċedimenti tal-falliment;
pretensjonijiet għal taxxi, ħlasijiet, dazji doganali, kontribuzzjonijiet għall-assigurazzjoni tas-saħħa, kontribuzzjonijiet għas-sigurtà soċjali, kontribuzzjonijiet għal skemi ta' pensjoni tal-irtirar u għal skemi tal-pensjoni supplimentari li jirriżultaw wara li ġie ddikjarat il-falliment jekk huma relatati mat-tmexxija tal-intrapriża matul il-proċedimenti ta' falliment;
id-drittijiet tax-xogħol li jirriżultaw wara li ġie ddikjarat il-falliment u għax-xahar kalendarju li fih ġie ddikjarat il-falliment, b'massimu ta' erba' darbiet il-minimu tas-sussistenza għal kull xahar kalendarju li fih ir-relazzjoni tal-impjieg kompliet minn meta ġie ddikjarat il-falliment, inkluż ix-xahar kalendarju li fih ġie ddikjarat il-falliment u x-xahar kalendarju li fih ġie tterminat l-impjieg;
pretensjonijiet għal taxxi, ħlasijiet, dazji doganali, kontribuzzjonijiet għall-assigurazzjoni tas-saħħa, kontribuzzjonijiet għas-sigurtà soċjali, kontribuzzjonijiet għal skemi ta' pensjoni tal-irtirar u skemi tal-pensjoni supplimentari li jirriżultaw wara li ġie ddikjarat il-falliment jekk huma relatati mal-ġestjoni u r-realizzazzjoni tal-assi;
pretensjonijiet għal rifużjonijiet mill-fond ta' garanzija jekk jikkonċernaw benefiċċju mħallas lil impjegat għall-intitolamenti tax-xogħol tal-impjegat, li huma pretensjoni kontra l-patrimonju.
Il-prattikant fl-insolvenza jissodisfa l-pretensjonijiet kontra l-patrimonju ġenerali fuq bażi kontinwa; jekk il-pretensjonijiet tal-istess grad kontra l-patrimonju ġenerali ma jkunux jistgħu jiġu sodisfatti b'mod sħiħ, dawn jiġu sodisfatti b'mod proporzjonali.
Il-pretensjonijiet kontra patrimonju separat huma relatati mal-patrimonju separat.
Il-prattikant fl-insolvenza jissodisfa l-pretensjonijiet kontra l-patrimonju separat fuq bażi kontinwa; jekk il-pretensjonijiet tal-istess grad kontra l-patrimonju separat ma jkunux jistgħu jiġu sodisfatti b'mod sħiħ, dawn jiġu sodisfatti b'mod proporzjonali.
Il-pretensjonijiet kontra l-patrimonju jiġu ppreżentati lill-prattikant fl-insolvenza. Fuq talba, il-prattikant fl-insolvenza jinnotifika lill-kreditur jekk il-prattikant jaċċetta l-bażi legali u l-ammont tal-pretensjoni tal-kreditur kontra l-patrimonju, inkluża l-klassifikazzjoni tagħha.
Jekk il-prattikant fl-insolvenza ma jaċċettax pretensjoni kontra l-patrimonju, il-kreditur ikun mistieden jippreżenta rikors kontra l-prattikant fl-insolvenza, u jitlob lill-qorti tiddetermina l-bażi legali jew l-ammont tal-pretensjoni kontra l-patrimonju. Jekk il-kreditur ma jippreżentax dan ir-rikors fil-ħin, il-pretensjoni kontra l-patrimonju, sa fejn il-prattikant fl-insolvenza ma rrikonoxxihiex, tiġi injorata fil-proċedimenti tal-falliment.
Il-prattikant fl-insolvenza huwa responsabbli għall-krediturі u persuni oħra għal kwalunkwe ħsara li jsofru minħabba l-ispejjeż mhux raġonevoli jew mhux ekonomiċi tal-prattikant għall-ġestjoni jew ir-realizzazzjoni tal-assi, jew għat-tmexxija tal-intrapriża, sakemm il-prattikant fl-insolvenza ma jkunx jista' jistabbilixxi li pproċeda b'diliġenza professjonali.
Il-prattikant fl-insolvenza għandu jżomm rekords trasparenti tal-pretensjonijiet kontra l-patrimonju, u huwa obbligat li jippreżenta kopja stampata ta' dawn ir-rekords lill-qorti.

Ħelsien mid-dejn permezz ta' falliment

Tliet gruppi ta' pretensjonijiet huma rikonoxxuti f'ħelsien mid-dejn:
Pretensjonijiet li jistgħu jiġu sodisfatti biss fi proċedimenti ta' falliment jew bi skeda ta' ħlas. Dawn huma essenzjalment pretensjonijiet li nqalgħu qabel ma ġie ddikjarat il-falliment jew ġiet ipprovduta protezzjoni mill-krediturі, kif ukoll pretensjonijiet sekondarji u pretensjonijiet relatati mat-terminazzjoni jew l-irtirar minn kuntratt konklużż qabel il-falliment.
Pretensjonijiet li ma jistgħux jiġu sodisfatti, jiġifieri taħt ħelsien mid-dejn ma jistgħux jiġu rkuprati mingħand id-debitur. Dan jikkonċerna l-inċidentali għall-pretensjonijiet (ċerta parti minnhom), pretensjonijiet minn kambjala jew ċedola, penali kuntrattwali, penali finanzjarji oħra, pretensjonijiet ta' partijiet relatati u l-ispejjeż tal-parteċipanti fil-ħelsien mid-dejn.
Pretensjonijiet li mhumiex affettwati mill-ħelsien mid-dejn (il-kreditur jista' jagħżel jekk jippreżentahomx):
pretensjonijiet mhux ippreżentati fil-proċedimenti ta' falliment għall-ħelsien mid-dejn minħabba li l-prattikant fl-insolvenza ma għarrafx lill-kreditur li ġie ddikjarat il-falliment għall-ħelsien mid-dejn;
pretensjonijiet kontra ċ-Ċentru għall-Għajnuna Legali;
pretensjonijiet garantiti fil-kamp ta' applikazzjoni li fih ikunu koperti mill-għan tal-interess ta' garanzija;
pretensjoni għar-responsabbiltà għal dannu personali kkawżat intenzjonalment, inklużi inċidentali;
pretensjoni għall-manteniment tat-tfal, inklużi inċidentali;
drittijiet tax-xogħol dovuti mid-debitur;
penali finanzjarja skont il-liġi kriminali;
pretensjoni mhux monetarja.
Jekk pretensjoni garantita fi proċedimenti ta' falliment għall-ħelsien mid-dejn ma tkunx ippreżentata, il-kreditur garantit għandu biss id-dritt li jfittex sodisfazzjon mill-għan tal-interess ta' garanzija.
L-istituzzjoni ta' pretensjonijiet kontra l-patrimonju ma teżistix fi proċedimenti ta' falliment għall-ħelsien mid-dejn. Wara li jirrealizza l-patrimonju u jtemm it-tilwim kollu li jista' jaffettwa l-iskeda tad-distribuzzjoni għar-rikavat, il-prattikant fl-insolvenza jfassal l-iskeda tad-distribuzzjoni għar-rikavat, mingħajr dewmien żejjed u mhux aktar tard minn 60 jum wara li jkun ġie ddikjarat il-falliment. Il-prattikant fl-insolvenza jħabbar l-intenzjoni li jfassal din l-iskeda ta' distribuzzjoni fil-Bullettin Kummerċjali.
Mir-rikavat, il-prattikant fl-insolvenza l-ewwel inaqqas l-ispejjeż tal-proċedimenti ta' falliment, segwiti mill-valur eżentat tad-dar tad-debitur, jekk ikun hemm, imbagħad jissodisfa l-pretensjonijiet magħmula għall-manteniment tat-tfal tad-debitur, u mbagħad jiddistribwixxi l-bilanċ b'mod proporzjonali fost il-krediturі rreġistrati kollha skont il-livell tal-pretensjonijiet stabbiliti tagħhom. Kull kreditur jerfa' l-ispejjeż tas-sodisfazzjon.
L-ispejjeż tal-proċedimenti ta' falliment huma:
il-ħlas tal-prattikant fl-insolvenza u l-ispejjeż għar-realizzazzjoni tal-assi u għall-produzzjoni tal-iskeda tad-distribuzzjoni;
l-ispejjeż neċessarji tal-prattikant fl-insolvenza għall-ġestjoni tal-proċedimenti ta' falliment;
spejjeż relatati mal-ġestjoni tal-assi soġġetti għall-proċedimenti ta' falliment;
ħlas bil-quddiem għall-ispejjeż ta' opinjoni ta' espert;

l-ispejjeż tal-investigazzjonijiet imwettqa mill-prattikant fl-insolvenza fuq talba ta' kreditur, fl-ammont approvat mir-rappreżentant tal-krediturijew laqgħa tal-krediturijew.

12 Liema huma r-regoli li jirregolaw il-preżentata, il-verifika u l-ammissjoni tat-talbiet?

Il-preżentazzjoni ta' pretensjonijiet fi proċedimenti ta' falliment

Pretensjoni li ma tkunx pretensjoni kontra l-patrimonju tiġi ppreżentata fi proċedimenti ta' falliment permezz ta' rikors.

Kopja tar-rikors tiġi ppreżentata lill-prattikant fl-insolvenza u trid tintbagħat lill-prattikant fl-iskadenza *standard* għall-preżentazzjoni ta' pretensjonijiet ta' 45 jum wara li jkun ġie ddikjarat il-falliment; il-kreditur jibgħat ukoll kopja tar-rikors lill-qorti.

Jekk kreditur jibgħat ir-rikors lill-prattikant fl-insolvenza aktar tard tiġi kkunsidrata, iżda l-kreditur ma jista' jeżerċita l-ebda dritt tal-vot jew drittijiet oħra marbuta mal-pretensjoni ppreżentata. Dan ma jippreġudikax id-dritt tal-kreditur għal sodisfazzjon proporzjonali; madankollu, il-kreditur jista' jitħallas biss mir-rikavat assenjat għall-iskeda tad-distribuzzjoni tar-rikavat mill-patrimonju ġenerali, meta l-pjan biex tiġi mfassla l-iskeda tad-distribuzzjoni jkun ġie mħabbar fil-Bullettin Kummerċjali wara li l-prattikant fl-insolvenza jkun irċieva r-rikors. Il-prattikant fl-insolvenza jippubblika r-reġistrazzjoni ta' din il-pretensjoni fil-lista tal-pretensjonijiet fil-Bullettin Kummerċjali, bl-isem tal-kreditur u l-ammont ta' flus.

Għal pretensjoni garantita, l-interess ta' garanzija jrid jiġi invokat b'mod dovut u f'waqtu f'rikors mibgħut lill-prattikant fl-insolvenza fl-iskadenza *standard* għall-preżentazzjoni ta' pretensjonijiet ta' 45 jum wara li jkun ġie ddikjarat falliment; inkella din tiskadi. Rikors jista' jintuża wkoll għal pretensjoni futura jew pretensjoni li tiddependi mill-issodisfar ta' ċerta kundizzjoni ("pretensjoni kontinġenti"); madankollu, il-kreditur jista' jeżerċita biss id-drittijiet relatati ma' pretensjoni kontinġenti ladarba l-kreditur ikun ta prova lill-prattikant fl-insolvenza li tkun irriżultat il-pretensjoni kontinġenti.

Jekk jintbagħat rikors lill-prattikant fl-insolvenza dan ikollu l-istess effetti legali għall-perjodu ta' limitazzjoni u l-iskadenza tad-dritt bħall-eżerċitar tad-dritt fil-qorti.

Fi proċedimenti ta' falliment, kreditur li għandu pretensjoni dovuta minn persuna oħra barra d-debitur jippreżenta wkoll din it-talba jekk tkun garantita b' interess ta' garanzija fl-assi tad-debitur.

Jekk tali kreditur ma jiddepożitax din il-pretensjoni garantita fl-iskadenza *standard*, il-proċedimenti ta' falliment jinjoraw l-interess ta' garanzija tal-kreditur; madankollu, il-kreditur għandu d-dritt kontra l-patrimonju rilevanti għaċ-ċediment ta' dak li b'hekk arrikkixxa l-patrimonju rilevanti, u jista' jeżerċita dan id-dritt kontra l-patrimonju rilevanti bħala pretensjoni kontra l-patrimonju, iżda din il-pretensjoni hija sodisfatta biss wara li l-pretensjonijiet l-oħrajn kollha kontra dan il-patrimonju jkunu ġew sodisfatti.

Dettalji għal rikors fi proċedimenti ta' falliment

Ir-rikors għandu jiġi ppreżentat billi tintuża l-formola preskritta, u jrid jinkludi d-dettalji essenzjali. Jekk le, ir-rikors ma jiġix ikkunsidrat. Dawn id-dettalji essenzjali huma:

(a) l-isem, il-kunjom u l-indirizz residenzjali tal-kreditur, jew l-isem tal-kreditur u l-uffiċċju reġistrat tiegħu;

(b) l-isem, il-kunjom u l-indirizz residenzjali tad-debitur, jew l-isem tad-debitur u l-uffiċċju reġistrat tiegħu;

(c) il-bażi legali għall-pretensjoni;

(d) il-klassifikazzjoni li fiha l-pretensjoni għandha tiġi sodisfatta mill-patrimonju ġenerali;

(e) l-ammont totali tal-pretensjoni;

(f) il-firma tal-kreditur.

Għandu jiġi ppreżentat rikors separat għal kull pretensjoni garantita, li jiddikjara l-ammont garantit, u t-tip, il-klassifikazzjoni, l-għan u l-bażi legali għall-interess ta' garanzija.

Rikors għal pretensjoni kontinġenti jrid tispeċifika wkoll is-sitwazzjoni li fiha jenħtieġ li tirriżulta l-pretensjoni, jew il-kontinġenza li fuqha tiddependi l-pretensjoni.

Fir-rikors l-ammont totali tal-pretensjoni jinqasam fil-kapital u f'inċidentali, u l-inċidentali jinqasmu f'konformità mal-bażi legali biex ikun hemm lok għalihom.

Il-pretensjonijiet isiru f'euro. Jekk le, il-prattikant fl-insolvenza jikkalkula l-ammont tal-pretensjoni billi jikkonvertih skont ir-rata tal-kambju ta' referenza stabbilita u mħabbra mill-Bank Ċentrali Ewropew jew il-Bank Nazzjonali tas-Slovakkja(*Národná banka Slovenska*) fil-ġurnata li fiha jkun ġie ddikjarat il-falliment. Jekk il-pretensjoni ssir f'munita li r-rata tal-kambju ta' referenza tagħha la tiġi stabbilita u lanqas imħabbra mill-Bank Ċentrali Ewropew jew mill-Bank Nazzjonali tas-Slovakkja, il-prattikant fl-insolvenza jiddetermina l-ammont tal-pretensjoni b'diliġenza professjonali.

Mar-rikors jiġu mehmuża dokumenti li jagħtu prova tal-fatti msemmija fih. Fir-rikors, kreditur li huwa entità ta' kontabbiltà jrid jinkludi dikjarazzjoni dwar jekk il-kreditur inkludiex il-pretensjoni fil-kontijiet tal-kreditur, u sa liema punt, jew jagħti r-raġunijiet għaliex ma għamilx dan.

Rikors għal pretensjoni mhux monetarja jrid jinkludi opinjoni esperta li tistabbilixxi l-valur tal-pretensjoni li mhix waħda monetarja; jekk le, ir-rikors ma jiġix ikkunsidrat.

Kreditur li ma jkollux indirizz residenzjali jew uffiċċju reġistrat jew unità organizzattiva tal-intrapriża tal-kreditur fis-Slovakkja huwa obbligat li jaħtar rappreżentant għan-notifika ta' dokumenti b'indirizz residenzjali jew uffiċċju reġistrat fis-Slovakkja, u li jinforma lill-prattikant fl-insolvenza bil-miktub dwar il-ħatra ta' tali rappreżentant; inkella d-dokumenti jiġu nnotifikati biss lill-kreditur meta jiġu ppubblikati fil-Bullettin Kummerċjali.

Pretensjonijiet difettużi fi proċedimenti ta' falliment

Wara li tkun skadiet l-iskadenza *standard* għall-preżentazzjoni tal-pretensjonijiet, il-prattikant fl-insolvenza jippreżenta lill-qorti mingħajr dewmien żejjed lista ta' sottomissjonijiet li l-prattikant jemmen li mhumiex meqjusa bħala rikorsi, li tiddikjara l-opinjoni tal-prattikant, u l-qorti tiddeċiedi mingħajr dewmien żejjed jekk dawn is-sottomissjonijiet għandhomx jitqiesu bħala rikorsi. Il-qorti tibgħat id-digriet tagħha lill-prattikant fl-insolvenza, li jinforma lill-partijiet ikkonċernati. Rikors għall-preżentazzjoni ta' pretensjoni fi proċedimenti ta' falliment la jista' jiġi kkorreġut u lanqas emendat.

Lista ta' pretensjonijiet fi proċedimenti ta' falliment

Il-prattikant fl-insolvenza jdaħħal il-pretensjonijiet ippreżentati fil-lista tal-pretensjonijiet. Jekk kreditur jitlob hekk, il-prattikant joħroġ minnufih konferma dwar jekk il-pretensjoni tal-kreditur iddaħħlitx fil-lista tal-pretensjonijiet.

Fil-proċedimenti ta' falliment, il-lista tal-pretensjonijiet hija l-bażi għall-eżerċizzju tad-drittijiet marbuta ma' pretensjoni ppreżentata.

Iċ-ċaħda u l-istabbiliment ta' pretensjonijiet fi proċedimenti ta' falliment

Il-liġi Slovakka ma titkellimx dwar l-"ammissjoni" jew "in-nuqqas ta' ammissjoni" ta' pretensjonijiet, iżda dwar iċ-"ċaħda" jew l-"istabbiliment" ta' pretensjonijiet.

Il-prattikant fl-insolvenza jqabbel kull pretensjoni ppreżentata mal-kontijiet tad-debitur u ma' dokumentazzjoni oħra, u mal-lista tal-obbligi, filwaqt li jqis id-dikjarazzjonijiet tad-debitur u ta' partijiet oħra. Il-prattikant jagħmel ukoll l-investigazzjonijiet tiegħu, u jekk jinstab li hemm pretensjoni dubjuża, il-prattikant huwa obbligat li jiċħad il-partijiet dubjuži tal-pretensjoni.

Il-prattikant fl-insolvenza jew kreditur li jkun ippreżenta pretensjoni jista' jiċħad pretensjoni (dan tal-aħħar billi jibgħat il-formola preskritta lill-prattikant) għar-raġuni tal-bażi legali, l-eżegwibilità, l-ammont, il-klassifikazzjoni, jew l-iżgurar tagħha b'interess ta' garanzija, jew il-klassifikazzjoni tal-interess ta' garanzija. Jekk il-pretensjoni ssir minn korp, istituzzjoni jew aġenzija tal-Unjoni Ewropea, il-bażi legali u l-ammont iddikjarat mill-korp, l-istituzzjoni jew l-aġenzija tal-Unjoni Ewropea ma jistgħux jiġu miċħuda.

Pretensjoni tista' tiġi miċħuda:

fi żmien 30 jum wara li tkun għaddiet l-iskadenza *standard* għall-preżentazzjoni ta' pretensjonijiet,

fi żmien 30 jum wara r-reġistrazzjoni tal-pretensjoni fil-lista ta' pretensjonijiet fil-Bullettin Kummerċjali, jekk il-pretensjoni kienet ippreżentata f'data aktar tard. Jekk ikun hemm għadd kbir ta' rikorsi, jew tkun tapplika raġuni importanti oħra, il-qorti tista' ripetutament, kemm jekk b'risposta għal petizzjoni mill-prattikant fl-insolvenza kif ukoll mingħajr petizzjoni, testendi l-limitu ta' żmien għall-prattikant fl-insolvenza biex jiċħad il-pretensjonijiet, kull darba b'massimu ta' 30 jum. Kull min jiċħad pretensjoni dejjem irid jagħti raġunijiet biex jagħmel dan, u jekk tiċħad ċertu ammont, dik il-persuna trid tiddikjara l-ammont miċħud, u jekk tirrifjuta l-klassifikazzjoni, trid tagħti l-klassifikazzjoni li dik il-persuna taċċetta, u jekk tirrifjuta l-interess tal-garanzija trid tiddikjara l-kamp ta' applikazzjoni miċħud; inkella ċ-ċaħda ma jkollha l-ebda effett. Jekk pretensjoni miċħuda kienet tal-anqas parzjalment ikkonfermata mill-qorti, il-persuna li ċaħdet il-pretensjoni hija responsabbli għall-kreditur inkwistjoni għal kwalunkwe dannu kkawżat miċ-ċaħda tal-pretensjoni, sakemm din il-persuna ma tkunx tista' turi li hija għamlet hekk bid-diliġenza professjonali.

Il-prattikant fl-insolvenza jirreġistra ċ-ċaħda ta' pretensjoni fil-lista ta' pretensjonijiet mingħajr dewmien żejjed, u jinnotifika bil-miktub lill-kreditur li l-pretensjoni tiegħu ġiet miċħuda.

Iċ-ċaħda ta' pretensjoni mill-kreditur hija effettiva jekk:

hija ġiet ippreżentata permezz tal-formola preskritta, u

ntbagħat depożitu ta' EUR 350 fil-kont tal-bank tal-prattikant fl-insolvenza, bin-numru tal-pretensjoni fil-lista ta' pretensjonijiet bħala s-"simbolu varjabbli"; għal dan il-għan, il-prattikant fl-insolvenza jippubblika fil-Bullettin Kummerċjali l-kont tal-bank li jistgħu jsiru depożiti fih; depożitu jista' jsir biss fil-limitu ta' żmien għaċ-ċaħda ta' pretensjoni, u depożitu separat irid isir għal kull ċaħda ta' pretensjoni li ġiet ippreżentata f'rikors separat; id-depożitu jinkludi parti mill-patrimonju ġenerali; jekk ikun hemm raġunijiet sħaħ jew parzjali għaċ-ċaħda tal-pretensjoni, il-kreditur li jiċħad il-pretensjoni jkollu d-dritt għar-rifużjoni tad-depożitu, li jista' jiġi applikat bħala pretensjoni kontra l-patrimonju.

Id-debitur huwa intitolat li joġġezzjona għal pretensjoni ppreżentata, u għandu jagħmel dan fil-limitu ta' żmien stabbilit biex il-krediturijiċħdu l-pretensjonijiet. L-oġġezzjoni tiġi rreġistrata fil-lista tal-pretensjonijiet iżda ma għandha l-ebda effett fuq l-istabbiliment tal-pretensjoni.

Kreditur għandu d-dritt li jippreżenta rikors sabiex jiddetermina pretensjoni miċħuda fil-qorti, u r-rikors għandu jiġi ppreżentat kontra kull min ikun ċaħad it-talba. Dan id-dritt għandu jiġi eżerċitat fil-qorti kontra dawn il-persuni kollha fi żmien 30 jum mill-kunsinna tal-avviż bil-miktub min-naħa tal-prattikant fl-insolvenza dwar iċ-ċaħda tal-pretensjoni lill-kreditur, inkella jiskadi. Dan ir-rikors jista' jitressaq quddiem il-qorti li tkun qiegħda tmexxi l-proċedimenti ta' falliment. Id-dritt għad-determinazzjoni ta' pretensjoni miċħuda huwa eżerċitat ukoll fi żmien xieraq jekk ir-rikors jitressaq f'dan il-limitu ta' żmien quddiem qorti li mhijiex kompetenti. Il-proċedimenti stess huma rregolati mir-regolamenti ġenerali ta' proċedura.

Jekk il-kreditur ta' pretensjoni li l-klassifikazzjoni tagħha tiġi miċħuda ma jippreżentax rikors, tapplika l-klassifikazzjoni l-aktar baxxa aċċettata.

Jekk pretensjoni minn kreditur tiġi miċħuda, iżda korp minbarra l-qorti kien kompetenti biex jiddeċiedi dwar il-pretensjoni, il-qorti li kienet kompetenti biex tistħarreġ il-legalità ta' din id-deċiżjoni tkun ukoll kompetenti għall-proċedimenti għad-determinazzjoni ta' din il-pretensjoni; dan japplika wkoll jekk korp minbarra l-qorti ma jkunx ħa tali deċiżjoni.

Fir-rikors il-kreditur jista' jfittex id-determinazzjoni tal-bażi legali, l-eżegwibilità, il-klassifikazzjoni u l-ammont tal-pretensjoni, jew l-iżgurar tagħha b'interess ta' garanzija jew il-klassifikazzjoni tal-interess ta' garanzija. Fir-rikors il-kreditur jista' l-aktar ifittex dak li ddikjara l-kreditur fir-rikors.

Deċiżjoni dwar id-determinazzjoni ta' pretensjoni miċħuda hija effettiva għall-partijiet kollha fil-proċedimenti ta' falliment.

Malli jgħaddi l-limitu ta' żmien għaċ-ċaħda ta' pretensjoni, il-pretensjoni titqies stabbilita sa fejn ma ġietx miċħuda.

Pretensjoni miċħuda biss mill-prattikant fl-insolvenza u pretensjoni miċħuda minn kreditur tista' tiġi ammessa mill-prattikant fl-insolvenza bil-kunsens ta' dan il-kreditur, jekk il-qorti tkun għadha trid tiddeċiedi dwar id-determinazzjoni tagħha. L-ammissjoni ta' pretensjoni miċħuda tfisser li hija kkunsidrata stabbilita fil-kamp ta' applikazzjoni permess.

Pretensjoni determinata b'deċiżjoni finali minn qorti jew awtorità pubblika oħra hija kkunsidrata stabbilita fil-kamp ta' applikazzjoni permess.

Fuq talba tal-kreditur miċħud, il-prattikant fl-insolvenza jippreżenta mingħajr dewmien żejjed lill-qorti r-rikors għall-pretensjoni li kienet effettivament miċħuda minn kreditur ieħor, flimkien mad-dokumenti sottomessi mill-kreditur (miċħud) tal-preżentata u li mill-kreditur li jiċħad, u dikjarazzjoni mill-prattikant fl-insolvenza dwar jekk il-pretensjoni hijiex irreġistrata fil-kontijiet u sa liema punt, jekk hijiex ikkontestata mid-debitur u sa liema punt, u jekk il-prattikant fl-insolvenza jaċċettahiex jew le u sa liema punt, u għal liema raġunijiet. Fuq il-bażi ta' dawn id-dokumenti, il-qorti tiddeċiedi mingħajr dewmien żejjed dwar jekk tagħtix lill-kreditur id-drittijiet tal-vot u drittijiet oħra marbuta mal-pretensjoni miċħuda u sa liema punt. Il-qorti tinnotifika d-deċiżjoni tagħha lill-prattikant fl-insolvenza u lill-kreditur li fuq id-drittijiet tiegħu marbuta mal-pretensjoni miċħuda hija ddeċidiet; din id-deċiżjoni ma tiġix ippubblikata fil-Bullettin Kummerċjali. Il-kreditur li fuq id-drittijiet tiegħu marbuta mal-pretensjoni miċħuda l-qorti ddeċidiet jista' jappella kontra d-deċiżjoni.

Il-preżentazzjoni ta' pretensjonijiet fi proċedimenti ta' riorganizzazzjoni

Ir-rikors jiġi ppreżentat lill-prattikant fl-insolvenza fi żmien 30 jum wara li tiġi permessa r-riorganizzazzjoni. Rikors li jintbagħat wara dan il-limitu ta' żmien ma jiġix ikkunsidrat.

Dettalji għal rikors fi proċedimenti ta' riorganizzazzjoni

Id-dispożizzjonijiet dwar id-dettalji ta' rikors fil-proċedimenti ta' falliment jintużaw *mutatis mutandis*. Għal pretensjoni garantita, l-interess ta' garanzija jrid jiġi invokat b'mod dovut u f'waqtu fir-rikors; inkella l-pretensjoni titqies bħala pretensjoni mhux garantita.

Pretensjoni tista' tiġi kkorreġuta jew emendata biss billi r-rikors oriġinali jiġi sostitwit b'rikors ġdid mogħti lill-prattikant, u dan jista' jsir biss fl-iskadenza għall-preżentata tal-pretensjonijiet.

Fuq talba, il-prattikant fl-insolvenza joħroġ konferma li l-pretensjoni tal-kreditur ġiet irreġistrata fil-lista tal-pretensjonijiet.

Jekk ikun hemm xi dubju, il-prattikant fl-insolvenza jista' fi kwalunkwe ħin matul il-proċedimenti tar-riorganizzazzjoni jissottometti rikors lill-qorti biex din tiddeċiedi jekk għandux jikkunsidra r-rikors.

Lista ta' pretensjonijiet fi proċedimenti ta' riorganizzazzjoni

Il-prattikant fl-insolvenza jdaħħal il-pretensjonijiet ippreżentati u l-informazzjoni ppreżentata fir-rikors fil-lista tal-pretensjonijiet sabiex il-lista tiġi mfassla fi żmien għaxart ijiem mill-iskadenza għall-preżentata tal-pretensjonijiet.

Fl-istess ħin li jfassal il-lista ta' pretensjonijiet, il-prattikant fl-insolvenza jistieden lid-debitur biex jikkummenta dwar il-pretensjonijiet imdaħħla fil-limitu ta' żmien stabbilit mill-prattikant fl-insolvenza li ma jkunx iqsar minn ħamest ijiem ta' xogħol u mhux aktar minn għaxart ijiem ta' xogħol.

Fi żmien tlett ijiem mil-limitu ta' żmien għaċ-ċaħda tal-pretensjonijiet, il-prattikant fl-insolvenza jibgħat kopja tal-lista tal-pretensjonijiet, b'indikazzjoni tal-pretensjonijiet miċħuda, lill-qorti; l-informazzjoni rreġistrata fil-lista tal-pretensjonijiet mibgħuta lill-qorti hija deċiżiva għall-valutazzjoni ta' sa liema punt il-pretensjonijiet ippreżentati ġew miċħuda.

Jekk ikun hemm bidla fl-informazzjoni rreġistrata fil-lista tal-pretensjonijiet matul ir-riorganizzazzjoni, il-prattikant fl-insolvenza, malli jsir jaf dwar tali bidla, jirreġistra minnufih il-bidla fil-lista tal-pretensjonijiet, u jikteb ukoll minnufih biex jinnotifika lill-qorti bl-emenda tal-lista tal-pretensjonijiet.

Il-lista tal-pretensjonijiet hija parti mill-fajl tal-prattikant fl-insolvenza.

Iċ-ċaħda u l-istabbiliment ta' pretensjonijiet fi proċedimenti ta' riorganizzazzjoni

B'diliġenza professjonali, il-prattikant fl-insolvenza jqabbel kull pretensjoni ppreżentata mal-kontijiet tad-debitur u ma' dokumentazzjoni oħra, u mal-lista tal-obbligi tad-debitur, filwaqt li jqis id-dikjarazzjonijiet tad-debitur u ta' partijiet oħra. Il-prattikant iwettaq ukoll l-investigazzjonijiet tiegħu, u jekk jinstab li

pretensjoni hija dubjuża fir-rigward tal-bażi legali tagħha, l-eżegwibilità, l-ammont, il-klassifikazzjoni, jew l-iżgurar tagħha b'interess ta' garanzija, jew il-klassifikazzjoni tal-interess ta' garanzija, il-prattikant fl-insolvenza huwa obbligat li jiċħad il-partijiet dubjużi tal-pretensjoni.
Il-prattikant fl-insolvenza jista' jiċħad pretensjoni fi żmien 30 jum mill-iskadenza għall-preżentazzjoni tal-pretensjonijiet. Il-prattikant jiċħad pretensjoni billi jniżżel iċ-ċaħda tal-pretensjoni u r-raġunijiet u l-firxa ta' din iċ-ċaħda fil-lista tal-pretensjonijiet; jekk il-prattikant jiċħad l-ammont ta' pretensjoni, l-ammont stabbilit tal-pretensjoni jitniżżel ukoll fil-lista tal-pretensjonijiet. Malli jgħaddi l-limitu ta' żmien għaċ-ċaħda ta' pretensjoni, il-pretensjoni titqies stabbilita fil-kamp ta' applikazzjoni li fih ma ġietx miċħuda. Għall-finijiet tal-eżerċizzju tad-drittijiet assoċjati ma' pretensjoni ppreżentata, dikjarazzjoni li ġiet ippreżentata hija kkunsidrata stabbilita wkoll meta l-ammont tagħha biss ikun ġie miċħud.
Id-debitur jew kreditur li ppreżenta pretensjoni lill-prattikant fl-insolvenza huwa intitolat li jippreżenta suġġeriment lill-prattikant fl-insolvenza biex jiċħad pretensjoni ppreżentata. Il-prattikant fl-insolvenza huwa obbligat jevalwa kull suġġeriment b'diliġenza professjonali, u jikteb biex jgħarraf lil min ikun ippreżenta s-suġġeriment dwar kif dan ikun ġie ttrattat. Il-prattikant fl-insolvenza jirreġistra s-suġġeriment dwar iċ-ċaħda tal-pretensjoni u kif din ġiet ittrattata fil-lista ta' pretensjonijiet.
Fi żmien 30 jum minn meta jgħaddi l-limitu ta' żmien għaċ-ċaħda tal-pretensjonijiet, kreditur bi pretensjoni miċħuda jista' jressaq rikors kontra d-debitur, li fih jitlob lill-qorti tiddetermina l-bażi legali, l-eżegwibilità, l-ammont, l-iżgurar b'interess ta' garanzija jew il-klassifikazzjoni tal-interess ta' garanzija tal-pretensjoni miċħuda; fir-rikors il-kreditur jista' jfittex l-aktar dak li l-kreditur iddikjara fir-rikors. Dan ir-rikors jista' jitressaq quddiem il-qorti li tkun qiegħda tmexxi l-proċedimenti ta' riorganizzazzjoni.
Jekk kreditur bi pretensjoni miċħuda ma jressaqx rikors għad-determinazzjoni tal-pretensjoni miċħuda fl-iskadenza statutorja, jew jirtira l-petizzjoni għad-determinazzjoni tal-pretensjoni miċħuda, il-pretensjoni ppreżentata mill-kreditur tiġi injorata sal-limitu miċħud fil-proċedimenti ta' riorganizzazzjoni, u jekk il-qorti tikkonferma l-pjan ta' riorganizzazzjoni il-pretensjoni ma tistax tiġi infurzata kontra d-debitur sa fejn ġiet miċħuda.
Id-deċiżjoni tal-qorti li tiddetermina pretensjoni miċħuda hija effettiva għal kulħadd. Meta s-sentenza tal-qorti dwar id-determinazzjoni ta' pretensjoni miċħuda ssir finali, il-pretensjoni titqies stabbilita fil-kamp ta' applikazzjoni ddeterminat mill-qorti; il-pretensjoni ma tistax tiġi infurzata kontra d-debitur lil hinn minn dak il-kamp ta' applikazzjoni.
Sakemm jiskadi l-limitu ta' żmien biex jitressaq rikors biex jiġi ddeterminat li pretensjoni skadiet, jew sakemm il-qorti tkun ħadet deċiżjoni finali dwar id-determinazzjoni ta' pretensjoni, id-debitur jista' jaċċetta pretensjoni miċħuda bil-miktub fir-rigward tal-kreditur; b'konsegwenza ta' dan, il-pretensjoni miċħuda hija kkunsidrata stabbilita fil-kamp ta' applikazzjoni aċċettat. Jekk il-prattikant fl-insolvenza ċaħad pretensjoni fuq talba ta' kreditur, id-debitur jista' jaċċetta biss il-pretensjoni miċħuda bil-kunsens ta' dan il-kreditur.
Waqt ir-riorganizzazzjoni, l-istabbiliment ta' pretensjoni huwa rreġistrat fil-lista ta' pretensjonijiet. Il-prattikant fl-insolvenza huwa obbligat li jirreġistra l-pretensjoni fil-lista tal-pretensjonijiet mingħajr dewmien ladarba l-pretensjoni tiġi kkunsidrata stabbilita, jew ladarba d-debitur ikun aċċetta l-pretensjoni.
Jekk matul il-proċedimenti biex tiġi stabbilita pretensjoni miċħuda, il-qorti tiddikjara l-falliment tad-debitur, il-qorti iġġib fit-tmiem fid-digriet tagħha l-proċedimenti għad-determinazzjoni tal-pretensjoni miċħuda.

Il-preżentazzjoni ta' pretensjonijiet fi proċedimenti ta' ħelsien mid-dejn

Ħelsien mid-dejn permezz ta' falliment

Id-debitur huwa obbligat li jehmeż mal-petizzjoni għal ħelsien mid-dejn permezz ta' falliment lista ta' krediturі, li fuq il-bażi tagħha l-prattikant fl-insolvenza jikteb biex jgħarraf lil kull kreditur fil-lista li ġie ddikjarat il-falliment.
Kreditur jista' jippreżenta pretensjoni fi żmien 45 jum wara li jiġi ddikjarat il-falliment, jew aktar tard, sakemm il-prattikant fl-insolvenza jħabbar li huwa ser ifassal skeda ta' distribuzzjoni.
Jekk kreditur jibgħat rikors lill-prattikant fl-insolvenza wara l-iskadenza ta' 45 jum, dan jiġi kkunsidrat, iżda l-kreditur ma jista' jeżerċita l-ebda dritt ta' vot.
Id-dispożizzjonijiet dwar il-falliment japplikaw *mutatis mutandis* għar-rikors (il-formola, il-kontenut tar-rikors, il-munita u l-annessi); id-dispożizzjonijiet għal rikorsi difettużi u l-lista ta' pretensjonijiet japplikaw ukoll *mutatis mutandis*.
Kreditur reġistrat ieħor biss jista' jiċħad pretensjoni ppreżentata. Id-dispożizzjonijiet dwar iċ-ċaħda u l-preżentazzjoni ta' pretensjonijiet f'falliment japplikaw *mutatis mutandis*. Madankollu, sabiex tiġi stabbilita pretensjoni miċħuda, huwa biżżejjed li l-kreditur li jkun ċaħad il-pretensjoni jiġi aċċettat; il-kunsens tal-prattikant fl-insolvenza mhuwiex meħtieġ.
F'każ ta' ħelsien mid-dejn permezz ta' falliment, il-pretensjonijiet kollha kontra d-debitur jiġu meħlusa (mhux biss il-pretensjonijiet ippreżentati).
Madankollu, dan jista' jitreġġa' lura billi jitressaq rikors biex jiġi kkanċellat il-ħelsien mid-dejn minħabba l-intenzjoni diżonesta tad-debitur, fejn il-leġiżlazzjoni tagħti espliċitament bħala eżempju ta' intenzjoni diżonesta n-nuqqas ta' inklużjoni ta' kreditur (persuna fiżika) fil-lista ta' krediturі, anke meta jintalab jagħmel dan mill-prattikant dwar l-insolvenza.

Ħelsien mid-dejn permezz ta' skeda ta' ħlas

Id-debitur huwa obbligat li jehmeż lista tal-obbligazzjonijiet tiegħu mal-petizzjoni għal ħelsien mid-dejn.
F'dan it-tip ta' proċedimenti, il-krediturі ma jippreżentawx pretensjonijiet; minflok il-prattikant fl-insolvenza jinvestiga ċ-ċirkustanzi tad-debitur.
Meta tiġi stabbilita skeda ta' ħlas, id-debitur jinħeles mid-dejn; madankollu, dan jista' jitreġġa' lura billi jitressaq rikors biex jiġi kkanċellat il-ħelsien mid-dejn minħabba l-intenzjoni diżonesta tad-debitur, fejn il-leġiżlazzjoni tagħti espliċitament bħala eżempju ta' intenzjoni diżonesta n-nuqqas ta' inklużjoni ta' kreditur (persuna fiżika) fil-lista ta' krediturі, anke meta jintalab jagħmel dan mill-prattikant dwar l-insolvenza.

13 Liema huma r-regoli li jirregolaw it-tqassim tal-assi wara tmiem il-proċedimenti? Kif jiġu kklassifikati t-talbiet u d-drittijiet tal-krediturі?

Id-distribuzzjoni tar-rikavat f'falliment

Fil-proċedimenti ta' falliment, id-distribuzzjoni tar-rikavat tvarja skont it-tip ta' kreditur (krediturі garantiti, krediturі mhux garantiti, krediturі bi pretensjonijiet subordinati, penali kuntrattwali u pretensjonijiet minn krediturі relatati mad-debitur):
Pretensjoni garantita ta' kreditur garantit hija sodisfatta (sa fejn tkun ġiet stabbilita) mir-rikavat miksub billi jiġu realizzati l-assi li jinkludu l-patrimonju separat tal-kreditur iggarantit, wara li jitnaqqsu l-pretensjonijiet kontra l-patrimonju allokat għall-entrati tal-assi elenkati li jinkludu l-patrimonju separat. Jekk il-pretensjoni garantita ta' kreditur garantit ma tkunx tista' tiġi sodisfatta bis-sħiħ, din tkun sodisfatta bħala pretensjoni mhux garantita sa fejn jifdal.
Pretensjonijiet mhux garantiti huma sodisfatti (sa fejn ikunu ġew stabbiliti) mir-rikavat miksub billi jiġu realizzati l-assi li jinkludu l-patrimonju ġenerali, wara li jitnaqqsu l-pretensjonijiet kontra l-patrimonju allokat għall-entrati tal-assi elenkati li jinkludu l-patrimonju ġenerali. Jekk il-pretensjonijiet mhux garantiti ma jkunux jistgħu jiġu sodisfatti b'mod sħiħ, huma jiġu sodisfatti b'mod proporzjonali skont il-livelli relattivi tagħhom.
Il-pretensjonijiet subordinati huma sodisfatti (sa fejn ikunu ġew stabbiliti) mir-rikavat li jirriżulta mir-realizzazzjoni tal-assi li jinkludu l-patrimonju ġenerali u li jifdal fil-patrimonju ġenerali wara li l-pretensjonijiet l-oħra mhux garantiti jkunu ġew sodisfatti b'mod sħiħ. Jekk il-pretensjonijiet subordinati ma jkunux jistgħu jiġu sodisfatti b'mod sħiħ, huma jiġu sodisfatti b'mod proporzjonali skont il-livelli relattivi tagħhom. Il-penali kuntrattwali u l-pretensjonijiet mill-krediturі relatati mad-debitur huma sodisfatti bl-istess mod.
Id-distribuzzjoni tar-rikavat fi proċedimenti ta' falliment hija bbażata fuq l-iskeda tad-distribuzzjoni. Qabel ifassal l-iskeda, il-prattikant fl-insolvenza jikkompila lista ta' pretensjonijiet kontra l-patrimonju li għandhom jiġu sodisfatti mir-rikavat assenjat lill-patrimonju rilevanti (jew patrimonju separat għall-assi garantiti jew il-patrimonju ġenerali). Il-prattikant fl-insolvenza jippubblika din il-lista u jħabbar il-pjan ta' tħejjija tal-iskeda ta' distribuzzjoni fil-Bullettin Kummerċjali. Il-

persuni speċifikati mil-liġi, primarjament l-entitajiet tal-krediturі u l-krediturі, jistgħu jeżaminaw il-lista u jippreżentaw oġġezzjonijiet kontriha f'limitu ta' żmien stabbilit. Dawn l-oġġezzjonijiet jistgħu jikkonċernaw il-klassifikazzjoni ta' pretensjoni, in-nuqqas ta' assenjazzjoni ta' pretensjoni, l-esklużjoni ta' pretensjoni u l-limitu ta' pretensjoni. Wara li jkun għadda l-limitu ta' żmien, il-prattikant fl-insolvenza jipproduċi l-iskeda ta' distribuzzjoni u jissottomettiha lill-kumitat tal-krediturі għall-approvazzjoni (jekk il-kumitat ma jkunx attiv, l-iskeda ta' distribuzzjoni tiġi ppreżentata lill-qorti). Ladarba l-iskeda tkun ġiet approvata, il-prattikant fl-insolvenza jħallas il-parti mhux ikkontestata tar-rikavat lill-kreditur rilevanti, u jżomm il-parti kkontestata sakemm il-qorti tiddeċiedi.
B'mod ġenerali, l-iskeda ta' distribuzzjoni (kemm jekk minn patrimonju separat jew mill-patrimonju ġenerali) titħejja immedjatament wara li l-parti rilevanti tal-assi tkun ġiet realizzata. Jekk in-natura tal-każ tippermetti, il-prattikant fl-insolvenza jikkompila wkoll skeda ta' distribuzzjoni parzjali, iżda fil-maġġoranza l-kbira tal-fallimenti jkun hemm biss skeda ta' distribuzzjoni (finali) waħda.
L-iskeda tad-distribuzzjoni tinkludi wkoll pretensjonijiet kontinġenti u miċħuda. Il-pretensjonijiet miċħuda jkunu sodisfatti biss jekk il-qorti tiddeċiedi li tistabbilixxihom. Il-pretensjonijiet kontinġenti huma sodisfatti biss kif u meta jinħolqu.
Wara li jirrealizza bis-sħiħ l-assi elenkati u jikkonkludi t-tilwim relatat kollu, il-prattikant fl-insolvenza jipproduċi skeda ta' distribuzzjoni finali għar-rikavat għall-krediturі mhux garantiti. Din l-iskeda tad-distribuzzjoni finali tinkludi wkoll l- iskedi tad-distribuzzjoni kollha preċedenti.

Ir-rikavat ma jiġix distribwit fir-riorganizzazzjoni u l-ħelsien mid-dejn permezz ta' skeda ta' ħlas.

F'każ ta' ħelsien mid-dejn permezz ta' falliment:

Wara li jirrealizza l-patrimonju u jtemm it-tilwim kollu li jista' jaffettwa l-iskeda tad-distribuzzjoni għar-rikavat, il-prattikant fl-insolvenza jfassal l-iskeda tad-distribuzzjoni għar-rikavat, mingħajr dewmien żejjed u mhux aktar tard minn 60 jum wara li jkun ġie ddikjarat il-falliment. Il-prattikant fl-insolvenza jħabbar l-intenzjoni li jfassal din l-iskeda ta' distribuzzjoni fil-Bullettin Kummerċjali.
Mir-rikavat, il-prattikant fl-insolvenza l-ewwel inaqqas l-ispejjeż tal-proċedimenti ta' falliment, segwiti mill-valur eżentat tad-dar tad-debitur, jekk ikun hemm, imbagħad iħallas b'mod proporzjonali l-pretensjonijiet magħmula għall-manteniment tat-tfal tad-debitur, u mbagħad jiddistribwixxi l-bilanċ b'mod proporzjonali fost il-krediturі rreġistrati kollha skont il-livell tal-pretensjonijiet stabbiliti tagħhom. Kull kreditur jerfa' l-ispejjeż tas-sodisfazzjon.
Il-ħlasijiet li għalihom il-prattikant fl-insolvenza ma setax jiddetermina l-kont tal-bank jew l-indirizz tal-kreditur sa tliet xhur wara l-kumpilazzjoni tal-iskeda ta' distribuzzjoni jakkumulaw għall-Istat. Il-prattikant fl-insolvenza jittrasferixxi dawn il-ħlasijiet fil-kont tal-bank tal-qorti li ddikjarat il-falliment.
Il-prattikant fl-insolvenza huwa responsabbli għall-krediturі għal kwalunkwe dannu li jsofru minħabba li l-iskeda ta' distribuzzjoni tal-flus tkun ġiet implimentata b'mod differenti mir-regoli stabbiliti fil-leġiżlazzjoni, sakemm il-prattikant fl-insolvenza ma jkunx jista' jistabbilixxi li jkun ipproċeda b'diliġenza professjonali.
L-ispejjeż tal-proċedimenti ta' falliment huma sodisfatti mir-rikavat assenjat lill-krediturі mhux garantiti, fil-klassifika li ġejja:
il-ħlas tal-prattikant fl-insolvenza u l-ispejjeż għar-realizzazzjoni tal-assi u għall-produzzjoni tal-iskeda tad-distribuzzjoni;
l-ispejjeż neċessarji tal-prattikant fl-insolvenza għall-ġestjoni tal-proċedimenti ta' falliment;
spejjeż relatati mal-ġestjoni tal-assi soġġetti għall-proċedimenti ta' falliment;
ħlas bil-quddiem għall-ispejjeż ta' opinjoni ta' espert;
l-ispejjeż tal-investigazzjonijiet imwettqa mill-prattikant fl-insolvenza fuq talba ta' kreditur, fl-ammont approvat mir-rappreżentant tal-krediturі jew laqgħa tal-krediturі.

14 Liema huma l-kundizzjonijiet għal, u l-effetti tal-għeluq ta' proċedimenti ta' insolvenza (b'mod partikolari b'miżura komposta)?

Falliment

Il-qorti tiddeċiedi, b'petizzjoni jew mingħajrha, li ttemm il-proċedimenti ta' falliment jekk issib li d-debitur ma jkollux biżżejjed assi biex iħallas saħansitra l-pretensjonijiet kontra l-patrimonju; fid-digriet tagħha l-qorti tiddeċiedi wkoll dwar il-ħlas u l-ispejjeż tal-prattikant fl-insolvenza, li jitħallsu mill-assi tad-debitur, il-ħlas bil-quddiem għat-tariffi u l-ispejjeż tal-prattikant interim, u l-ħlas bil-quddiem għall-kost tal-proċedimenti ta' falliment.
Il-qorti tiddeċiedi wkoll, b'petizzjoni jew mingħajrha, li tagħlaq il-proċedimenti ta' falliment jekk issib li l-prekundizzjonijiet għall-falliment ma jkunux ġew sodisfatti; hija tiddeċiedi dwar il-ħlas u l-ispejjeż tal-prattikant fl-insolvenza bħal meta tagħlaq il-proċedimenti ta' falliment għal assi insuffiċjenti.
Bi tweġiba għall-petizzjoni min-naħa tal-prattikant fl-insolvenza, il-qorti tiddeċiedi li tagħlaq il-proċedimenti ta' falliment wara li tkun ġiet implimentata l-iskeda finali tad-distribuzzjoni tar-rikavat.
Il-qorti tippubblika minnufih id-digriet tagħha li jtemm il-proċedimenti ta' falliment fil-Bullettin Kummerċjali, u tinnotifikah ukoll lid-debitur u lill-prattikant fl-insolvenza. Il-prattikant fl-insolvenza u kreditur li l-pretensjoni stabbilità tiegħu ma tkunx ġiet sodisfatta kompletament jew anki parzjalment huma intitolati li jappellaw mid-digriet.
Il-qorti tħabbar il-finalità tad-digriet tagħha li jtemm il-proċedimenti ta' falliment fil-Bullettin Kummerċjali. Malli jiġi ppubblikat dan l-avviż, diversi effetti u l-funzjoni tal-kumitat tal-krediturі, jekk ikun ġie stabbilit, jintemmu. Il-validità u l-effett tal-atti mwettqa matul il-proċedimenti tal-falliment ma jkunux affettwati b' dan.
Dakinhar li jingħalqu l-proċedimenti ta' falliment, il-prattikant fl-insolvenza jagħlaq il-kontijiet u jikkompila sett individwali ta' dikjarazzjonijiet finanzjarji skont il-leġiżlazzjoni speċifika. Il-prattikant fl-insolvenza jgħaddi wkoll id-dokumenti kollha meħtieġa u l-assi li jifdal lid-debitur jew lil-likwidatur, u jagħmel l-arranġamenti meħtieġa relatati mal-għeluq tal-proċedimenti ta' falliment. Ladarba l-prattikant fl-insolvenza jkun wettaq dawn il-kompiti, il-qorti tneħħi lill-prattikant mill-kariga tiegħu.
Il-proċedimenti ta' falliment jistgħu jingħalqu wkoll permezz ta' digriet li fih il-qorti tal-appell tibdel id-deċiżjoni mill-qorti tal-prim'istanza, jew temenda l-parti dwar id-dikjarazzjoni ta' falliment. Il-qorti tinnotifika dan id-digriet lid-debitur u lill-prattikant fl-insolvenza. Hija tippubblika wkoll fil-pront id-digriet fil-Bullettin Kummerċjali, f'liema każ l-effetti tal-proċedimenti ta' falliment jiskadu u l-interessi ta' garanzija li jkunu skadew jiġu rkuprati, u l-kariga tal-prattikant fl-insolvenza u tal-kumitat tal-krediturі, jekk tkun ġiet stabbilita, tintemm.
Fid-digriet imsemmi fil-paragrafu ta' hawn fuq, il-qorti tiddeċiedi dwar il-ħlas tal-prattikant fl-insolvenza, li għandu jitħallas abbażi tad-digriet tal-qorti minn min ikun ippreżenta l-petizzjoni għal falliment.
Jekk id-debitur ikun persuna fiżika li tmut waqt il-proċedimenti ta' falliment, l-eredi tad-debitur jieħdu postu sal-limitu tal-assi soġġetti għall-proċedimenti ta' falliment, jew l-istat, jekk ma jkunx hemm werrieta jew jekk ikunu rrifjutaw il-wirt tagħhom.
Fuq il-bażi ta' silta mil-lista ta' pretensjonijiet, wara li jkunu ngħalqu l-proċedimenti ta' falliment, tista' tiġi ppreżentata petizzjoni għal proċedimenti ta' infurzar jew ta' sekwestru għal pretensjoni stabbilita li d-debitur ma jkunx oġġezzjona għaliha b'mod espliċitu fil-limitu ta' żmien stabbilit mill-prattikant fl-insolvenza. Il-prattikant fl-insolvenza jiddepożita l-lista tal-pretensjonijiet mal-qorti wara li jkunu ngħalqu l-proċedimenti tal-falliment.

Riorganizzazzjoni

Il-qorti tiddeċiedi fuq petizzjoni ppreżentata mill-oriġinatur tal-pjan li jitlob konferma tal-pjan adottat mil-laqgħa tal-approvazzjoni. L-oriġinatur huwa obbligat li jippreżenta din il-petizzjoni fi żmien għaxart ijiem mil-laqgħa tal-approvazzjoni, u għandu jinkludi l-minuti tal-laqgħa tal-approvazzjoni u l-pjan adottat.
Petizzjoni għall-konferma tal-pjan tista' tiġi ppreżentata anki jekk il-pjan ma jkunx ġie adottat mil-laqgħa tal-approvazzjoni jew miftiehem mid-debitur.
Jekk l-oriġinatur tal-pjan ma jippreżentax petizzjoni fl-iskadenza statutorja għall-konferma tal-pjan, il-prattikant fl-insolvenza jitlob minnufih lill-qorti biex tiddikjara falliment.

Jekk wieħed mill-gruppi ma kellux il-maġġoranza tal-voti meħtieġa biex jadotta l-pjan, fil-petizzjoni għall-konferma tal-pjan l-oriġinatur tal-pjan jista' jitlob lill-qorti biex tissostitwixxi l-adozzjoni tal-pjan fil-grupp bid-deċiżjoni tal-qorti, sakemm:
il-pjan ma jkunx ifisser li l-partijiet li ġew assenjati lill-grupp li vvota kontra l-adozzjoni tiegħu mhumiex se jkunu f'pożizzjoni agħar milli kieku l-pjan ma jiġix adottat; il-qorti tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq is-sodisfazzjon probabbli tagħhom fi proċedimenti ta' falliment fil-jum li jibdew il-proċedimenti ta' riorganizzazzjoni, billi taħdem bid-*data* ppreżentata fil-pjan, sakemm ma jiġix ippruvat xorta oħra;
il-maġġoranza tal-gruppi stabbiliti skont il-pjan ma kellhomx il-maġġoranza tal-voti meħtieġa biex jiġi adottat il-pjan; u
il-kredituri preżenti ma vvutawx favur l-adozzjoni tal-pjan b'maġġoranza assoluta tal-voti, li jingħaddu skont l-ammont tal-pretensjonijiet stabbiliti tagħhom.
Il-qorti tiddeċiedi dwar is-sostituzzjoni tal-kunsens fid-digriet tagħha biex il-pjan jiġi kkonfermat jew miċħud.
Jekk ma jkun hemm l-ebda raġuni biex il-pjan jiġi miċħud, il-qorti tiddeċiedi li tikkonfermah fi żmien 15-il jum minn meta tirċievi l-petizzjoni għall-konferma tal-pjan; il-pjan ikkonfermat mill-qorti jinkludi anness ma' dan id-digriet. Fid-digriet tagħha dwar il-konferma tal-pjan, il-qorti tiddeċiedi wkoll li tagħlaq il-proċedimenti ta' riorganizzazzjoni.
Il-qorti tippubblika d-digriet tagħha fil-Bullettin Kummerċjali mingħajr dewmien. Il-pjan ikkonfermat mill-qorti ma jiġix ippubblikat; dan ma japplikax għad-dispożizzjonijiet dwar self ġdid.
Il-pjan ikkonfermat mill-qorti huwa parti mill-fajl tal-każ. Il-partijiet fil-pjan u r-rappreżentanti tagħhom għandhom id-dritt li jeżaminaw il-fajl tal-każ u l-pjan ikkonfermat mill-qorti, u li jieħdu siltiet minnu u jagħmlu duplikati u fotokopji, jew li jitolbu lill-qorti tagħmel fotokopji bi spejjeż tagħhom.
Il-qorti tiddeċiedi **li tiċħad il-pjan** jekk:
kien hemm ksur sostanzjali tal-leġiżlazzjoni dwar id-dettalji tal-pjan, il-proċedura għall-produzzjoni tal-pjan, il-votazzjoni fuq il-pjan jew dispożizzjonijiet oħra dwar il-pjan, jekk dan kellu impatti negattivi fuq kwalunkwe parti għall-pjan;
l-adozzjoni tal-pjan inkisbet permezz ta' imġiba qarrieqa, jew billi ġew offruti privileġġi speċjali lil kwalunkwe parti għall-pjan;
il-pjan ma kienx adottat b'laqgħa ta' approvazzjoni; dan ma japplikax jekk id-deċiżjoni tal-qorti tkun issostitwiet il-kunsens tal-laqgħa;
jekk skont il-pjan ishma jew parteċipazzjonijiet azzjonarji oħra fid-debitur jew fl-entità akkwirenti m'għandhomx jinħarġu bi tpattija għal investimenti fi flus ġodda jew bl-iskambju tal-pretensjonijiet ta' kredituri fil-grupp għal pretensjonijiet mhux garantiti, bl-eċċezzjoni ta' kredituri fil-grupp għal pretensjonijiet mhux garantiti tal-impjegati, u dan mill-inqas bl-ammont ta' profitt imqassam għall-aħħar sentejn;
il-pjan mhuwiex ġust għal gruppi ta' kredituri minħabba li jantiċipa wkoll li dritt jew l-obbligi li jinsabu fil-pjan jistgħu jinħolqu, jinbidlu jew jiskadu b'mod li l-kredituri fil-gruppi għal pretensjonijiet mhux garantiti jirċievu sodisfazzjon aktar tard mill-kredituri garantiti, mingħajr ebda raġuni ġusta li tiġġustifika dan;
il-pjan huwa sostanzjalment kontra l-interess komuni tal-kredituri;
is-sodisfazzjon ta' kwalunkwe pretensjoni mhux garantita huwa inqas minn 50 % tal-pretensjoni; dan ma japplikax jekk il-kreditur inkwistjoni jagħti kunsens bil-miktub għal dan is-sodisfazzjon aktar baxx;
skont il-parti ewlenija tal-pjan, il-ħlasijiet għas-saldu ta' kwalunkwe pretensjoni mhux garantita għandhom jiġu pprovduti fuq perjodu ta' aktar minn ħames snin; dan ma japplikax jekk il-kreditur inkwistjoni jagħti kunsens bil-miktub għal dan il-perjodu itwal għal ħlasijiet għas-saldu tal-pretensjonijiet tal-kreditur.
Il-qorti tippubblika d-digriet tagħha għaċ-ċaħda tal-pjan fil-Bullettin Kummerċjali mingħajr dewmien. L-oriġinatur tal-pjan jista' jappella kontra d-digriet fi żmien 15-il jum wara li jiġi ppubblikat fil-Bullettin Kummerċjali. Il-qorti tal-appell tiddeċiedi dwar l-appell fi żmien 30 jum minn meta jkun ġie ppreżentat.
Ladarba d-deċiżjoni ta' ċaħda tal-pjan issir finali, il-qorti tagħti digriet biex twaqqaf il-proċedimenti ta' riorganizzazzjoni, tiftaħ proċedimenti ta' falliment u tiddikjara falliment fuq l-assi tad-debitur. Fid-digriet tagħha l-qorti taħtar ukoll prattikant fl-insolvenza, li jintgħażel b'mod każwali. Il-qorti tippubblika dan id-digriet fil-Bullettin Kummerċjali mingħajr dewmien, f'liema każ l-effetti tal-ftuħ tal-proċedimenti ta' riorganizzazzjoni ma jkunux applikabbli, u l-funzjoni tal-kumitat tal-kredituri u l-kariga tal-prattikant fil-insolvenza jintemmu. Il-qorti tinnotifika dan id-digriet lid-debitur u lill-prattikant fl-insolvenza maħtur permezz tad-digriet.

Ħelsien mid-dejn permezz ta' falliment

Il-proċedimenti jingħalqu fi tliet każijiet:
jekk il-prattikant fl-insolvenza jiskopri li l-patrimonju ta' falliment mhux se jkopri l-ispejjeż tal-proċedimenti ta' falliment (id-debitur jibqa' meħlus mid-dejn);
jekk l-ebda kreditur ma jirreġistra għall-proċedimenti ta' falliment (id-debitur jibqa' ħieles mid-dejn);
jekk il-prattikant fl-insolvenza jimplimenta l-iskeda tad-distribuzzjoni għall-proċedimenti (jiġifieri wara li jirrealizza l-assi, il-prattikant jiddistribwixxi l-flus fost il-kredituri), id-debitur jibqa' ħieles mid-dejn;
jekk il-prekundizzjonijiet għall-proċedimenti ta' falliment ma jkunux ġew sodisfatti, il-qorti tikkanċella wkoll il-ħelsien mid-dejn.
Fiż-żewġ każijiet il-prattikant fl-insolvenza jħabbar pubblikament li l-proċedimenti ta' falliment ingħalqu. Mal-għeluq tal-proċedimenti ta' falliment:
tintemm il-kariga tal-prattikant fl-insolvenza;
tintemm il-kariga tar-rappreżentant tal-kredituri;
l-awtorizzazzjoni tal-prattikant fl-insolvenza biex jamministra l-assi tad-debitur u jaġixxi fi kwistjonijiet li jirrigwardaw dawn l-assi tiskadi;
l-obbligu tad-debitur li jħallas il-pretensjonijiet fil-proċedimenti ta' falliment lill-prattikant fl-insolvenza jiskadi;
l-inammissibbiltà tat-tpaċija ta' pretensjonijiet tiskadi;
ir-restrizzjonijiet fuq it-terminazzjoni ta' kuntratti u l-irtirar minn kuntratti jiskadu;
il-proċedimenti biex tiġi determinata pretensjoni miċħuda jingħalqu.

Ħelsien mid-dejn permezz ta' skeda ta' ħlas – għeluq

il-proċedimenti jingħalqu jekk il-qorti ssib li wara li tkun ġiet ippreżentata petizzjoni biex tiġi stabbilita skeda ta' ħlas il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' protezzjoni kontra l-kredituri ma jkunux ġew sodisfatti;
il-proċedimenti jingħalqu jekk fid-digriet dwar il-provvista ta' protezzjoni kontra l-kredituri l-qorti tat struzzjonijiet lid-debitur sabiex jiddepożita ħlas bil-quddiem għall-prattikant fl-insolvenza u d-debitur ma għamilx dan fi żmien sebat ijiem mit-talba tal-prattikant fl-insolvenza;
il-proċedimenti jingħalqu jekk il-prattikant fl-insolvenza jħabbar pubblikament li ċ-ċirkustanzi tad-debitur ma jippermettux li tiġi stabbilita skeda ta' ħlas;
il-proċedimenti jingħalqu jekk il-qorti tiddeċiedi li ċ-ċirkustanzi tad-debitur ma jippermettux li tiġi stabbilita skeda ta' ħlas;
il-proċedimenti jingħalqu meta l-qorti tistabbilixxi skeda ta' ħlas (f'dan il-każ biss id-debitur jinħeles mid-dejn).

15 X'inhuma d-drittijiet tal-kredituri wara l-għeluq ta' proċedimenti ta' insolvenza?

Falliment

Fuq il-bażi ta' silta mil-lista ta' pretensjonijiet, wara li jkunu ngħalqu l-proċedimenti ta' falliment, tista' tiġi ppreżentata petizzjoni għal proċedimenti ta' infurzar jew ta' sekwestru għal pretensjoni stabbilita li d-debitur ma jkunx oġġezzjona għaliha b'mod espliċitu fil-limitu ta' żmien stabbilit mill-prattikant fl-insolvenza. Il-prattikant fl-insolvenza jiddepożita l-lista tal-pretensjonijiet mal-qorti wara li jkunu ngħalqu l-proċedimenti tal-falliment.

Riorganizzazzjoni

Petizzjoni biex il-pjan jiġi ddikjarat ineffettiv fir-rigward ta' kreditur tista' tiġi ppreżentata abbażi tal-fatturi li ġejjin:
Dan għandu jkun kreditur li vvota kontra l-adozzjoni tal-pjan u li daħħal oġġezzjoni ġustifikata fil-minuti tal-laqgħa tal-approvazzjoni,

jew parti għall-pjan li tista' tkun fornitur ta' għajnuna mill-Istat.
Skont il-pjan, il-pretensjonijiet assenjati lill-istess grupp bħall-pretensjoni stabbilita tal-kreditur għandhom jiġu sodisfatti f'livell differenti jew b'mod ieħor, li jfisser li l-krediturі b'dawn il-pretensjonijiet huma privileġġjati fuq il-kreditur; jew
id-drittijiet ta' proprjetà ta' azzjonisti assenjati lill-istess grupp bħad-dritt ta' proprjetà tal-kreditur bħala azzjonist għandhom ikunu sodisfatti skont il-pjan f'livell differenti jew b'mod ieħor, li jfisser li l-azzjonisti b'dawn id-drittijiet ta' proprjetà huma privileġġjati fuq il-kreditur; jew
l-oriġinatur tal-pjan ma assenjax il-pretensjoni stabbilita tal-kreditur għal grupp kif talab il-kreditur, li poġġa lill-kreditur f'pożizzjoni agħar milli kieku l-pjan ma ġiex adottat; il-qorti tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq is-sodisfazzjon probabbli għall-kreditur fi proċedimenti ta' falliment; jew
l-oriġinatur tal-pjan ma assenjax il-pretensjoni stabbilita tal-kreditur għall-grupp għal pretensjonijiet garantiti sa fejn talab il-kreditur, li poġġa lill-kreditur f' pożizzjoni agħar milli kieku l-pjan ma ġiex adottat; il-qorti tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq is-sodisfazzjon probabbli għall-kreditur fi proċedimenti ta' falliment; jew
l-implimentazzjoni tal-pjan ikkonfermat ser tirriżulta fl-għoti ta' għajnuna mill-Istat mhux awtorizzata.
Barra minn hekk, jistgħu jitressqu r-raġunijiet li ġejjin għall-ineffettività (minn kwalunkwe kreditur):
Jekk id-debitur jew l-entità akkwirenti ma jissodisfawx pretensjoni ta' parti għall-pjan jew obbligu ieħor tagħhom lejha skont il-pjan b'mod xieraq u f'waqtu fi żmien 30 jum minn meta jirċievu notifika, il-pjan isir ineffettiv fir-rigward tal-pretensjoni tal-parti.
Wara l-għeluq tar-riorganizzazzjoni, id-debitur jew l-entità akkwirenti ma jistgħux jiddistribwixxu profitt jew fondi ta' ekwità oħra fost il-membri tagħhom qabel is-sodisfazzjon tal-pretensjonijiet tal-krediturі fil-grupp għal pretensjonijiet mhux garantiti sal-livell tal-pretensjonijiet stabbiliti tagħhom skont il-pjan (fi proċedimenti ta' falliment id-distribuzzjoni tal-profitt jew fondi ta' ekwità oħra tista' tiġi kkontestata). Il-petizzjoni għal ineffettività tiġi ppreżentata minn kreditur mhux garantit.
Jekk id-debitur jew l-entità akkwirenti jiġġeneraw profitt li jiġi żvelat fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji, u ma jeħtiġux dan il-profitt biex iżommu l-intrapriża jew parti sostanzjali minnha operattiva, kif previst mill-pjan, kreditur mhux garantit għandu d-dritt li jfittex fil-qorti li kkonfermat il-pjan is-sodisfazzjon tal-pretensjoni oriġinali tal-kreditur minn dan il-profitt, fid-differenza bejn l-ammont meħtieġ biex tiġi sodisfatta l-pretensjoni u l-ħlas magħmul lil dan il-kreditur skont il-pjan; madankollu, il-qorti ma tistax tagħti lill-kreditur minn dan il-profitt proporzjon ogħla minn dak dovut fil-konfront tal-krediturі l-oħrajn fl-istess grupp.
Jekk il-pjan ikun ineffettiv kontra kreditur, id-debitur u l-entità akkwirenti jkunu obbligati *in solidum* li jħallsu l-pretensjoni oriġinali tal-kreditur sal-limitu li fih il-pretensjoni kienet ippreżentata u stabbilita, flimkien mal-imgħax ikkalkulat fuq il-parti stabbilita tal-pretensjoni mill-bidu tar-riorganizzazzjoni. Id-debitur u l-entità akkwirenti huma obbligati li jħallsu l-pretensjoni tal-kreditur fil-limitu ta' żmien oriġinali għall-ħlas.
Jekk il-pjan ikun ineffettiv kontra azzjonist tad-debitur, id-debitur u l-entità akkwirenti jkunu obbligati *in solidum* li jħallsu lill-azzjonist ammont li jikkorrispondi għall-proporzjon tal-azzjonist tar-rikavat mil-likwidazzjoni tad-debitur fiż-żmien meta l-qorti kkonfermat il-pjan. Sakemm l-azzjonist ma jkunx jista' jipprova mod ieħor, il-valur tar-rikavat mil-likwidazzjoni jitqies li huwa żero.
Jekk il-pjan ikun ineffettiv fir-rigward tad-debitur jew l-entità akkwirenti, jistgħu jsiru proċedimenti ta' infurzar jew ta' sekwestru għall-pretensjoni oriġinali tal-kreditur.

Ħelsien mid-dejn permezz ta' falliment

Intenzjoni onesta – hemm preżunzjoni tal-intenzjoni onesta tad-debitur fil-preżentazzjoni tal-petizzjoni, li l-krediturі jistgħu jikkontestaw fi proċedimenti ċivili "klassiċi". Huma ma jistgħux jikkontestawha matul il-proċedimenti ta' ħelsien mid-dejn stess, iżda biss wara li jkunu għalqu.

Ħelsien mid-dejn permezz ta' skeda ta' ħlas

Intenzjoni onesta – hemm preżunzjoni tal-intenzjoni onesta tad-debitur fil-preżentazzjoni tal-petizzjoni, li l-krediturі jistgħu jikkontestaw fi proċedimenti ċivili "klassiċi". Huma ma jistgħux jikkontestawha matul il-proċedimenti ta' ħelsien mid-dejn stess, iżda biss wara li jkunu għalqu.
Id-debitur m'għandux intenzjoni onesta jekk:
id-debitur ma jkunx iddikjara parti mill-assi tiegħu fil-lista tal-assi, anki meta ntalab jagħmel dan mill-prattikant fl-insolvenza, minkejja li d-debitur kien jaf jew kellu jkun jaf b'dawn l-assi fid-dawl taċ-ċirkustanzi; l-assi ta' valur negliġibbli ma jiġux ikkunsidrati;
id-debitur ma semmiex kreditur (persuna fiżika) fil-lista ta' krediturі, anke meta ntalab jagħmel dan mill-prattikant fl-insolvenza, u b'konsegwenza ta' dan, il-kreditur ma ppreżentax il-pretensjoni tiegħu, anke jekk id-debitur kien jaf jew kellu jkun jaf bit-tali persuna minħabba ċ-ċirkustanzi; il-krediturі żgħar jiġu injorati;
id-debitur ipprovda informazzjoni importanti li ma kinitx vera, jew naqas milli jipprovdi informazzjoni importanti, fil-petizzjoni jew f'anness għall-petizzjoni jew meta ntalab jagħmel dan mill-prattikant fl-insolvenza, minkejja li d-debitur kien jaf li din l-informazzjoni kienet importanti jew kellu jkun jaf fid-dawl taċ-ċirkustanzi;
id-debitur ma kkooperax mal-prattikant fl-insolvenza kif meħtieġ, għal ebda raġuni valida, u tali kooperazzjoni setgħet tkun raġonevolment meħtieġa mid-debitur;
mill-imġiba tad-debitur qabel ma ppreżenta l-petizzjoni jista' jiġi ġġudikat li d-debitur deliberatament daħal f'insolvenza tal-fluss tal-flus biex ikun jista' jressaq il-petizzjoni;
id-debitur ma kienx insolventi fil-fluss tal-flus fiż-żmien meta ppreżenta l-petizzjoni u kien jaf b'dan jew kellu jkun jaf fid-dawl taċ-ċirkustanzi;
mill-imġiba tad-debitur qabel ma ppreżenta l-petizzjoni jista' jiġi ġġudikat li meta assuma l-obbligi d-debitur kien qed jittama li seta' jirrisolvi d-djun tiegħu permezz ta' falliment jew skeda ta' ħlas;
mill-imġiba tad-debitur qabel ma ppreżenta l-petizzjoni jista' jiġi ġġudikat li d-debitur kien qed ifittex li jagħmel ħsara lill-kreditur tiegħu jew li jiffavorixxi lil wieħed mill-krediturі;
id-debitur mhux qed jimplimenta l-iskeda tal-ħlas stabbilita mill-qorti b'mod xieraq u f'waqtu, mingħajr ebda raġuni valida;
id-debitur mhux qed iħallas manteniment tat-tfal li sar dovut wara d-data rilevanti b'mod xieraq u f'waqtu, mingħajr ebda raġuni valida; din ir-raġuni tista' tiġi invokata biss mill-wild jew il-kustodju legali tal-wild;
id-debitur ma kkonformax mal-obbligu li jagħti lura l-ħlas bil-quddiem liċ-Ċentru għall-Għajnuna Legali għall-ħlas tal-miżata fissa tal-prattikant fl-insolvenza b' mod xieraq u f'waqtu, mingħajr ebda raġuni valida; din ir-raġuni tista' tiġi invokata biss miċ-Ċentru għall-Għajnuna Legali;
id-debitur ipprova jinħeles mid-djun minkejja l-fatt li meta ppreżenta l-petizzjoni l-interessi prinċipali tad-debitur ma kinux iċċentrati fis-Slovakkja.
Il-qorti tqis b'mod aktar strett il-fatturi li jaffettwaw l-intenzjoni onesta tad-debitur jekk id-debitur ikollu jew kellu assi u esperjenza kummerċjali konsiderevoli, u jaħdem jew ħadem bħala maniġer ta' livell għoli, jew iservi jew serva fuq il-korpi regolatorji ta' persuna ġuridika, jew ikollu esperjenza rilevanti oħra.
Il-qorti tqis b'mod aktar klementi l-fatturi li jaffettwaw l-intenzjoni onesta tad-debitur jekk id-debitur ikollu biss edukazzjoni bażika, għandu età tal-irtirar jew viċin tagħha, għandu problemi serji tas-saħħa, huwa temporanjament jew permanentement bla dar, jew sofra sfortuna oħra li għamlitha diffiċli għad-debitur li jiffunzjona fis-soċjetà.
Il-qorti teżamina biss l-intenzjoni onesta tad-debitur fil-proċedimenti dwar petizzjoni biex jiġi kkanċellat il-ħelsien mid-dejn minħabba intenzjoni mhux onesta. Il-qorti ma teżaminax l-intenzjoni onesta tad-debitur fi proċedimenti ta' falliment jew proċedimenti biex tiġi stabbilita skeda ta' ħlas.

16 Min għandu jagħmel tajjeb għall-kostijiet u l-ispejjeż involuti fil-proċedimenti ta' insolvenza?

Falliment

Fil-prinċipju l-ispejjeż tas-sejħa u l-iżvolġiment ta' laqgħa tal-kredituri jinkludu pretensjoni kontra l-patrimonju. Dawn li ġejjin huma esklużi minn dan il-prinċipju:

Jekk issir laqgħa tal-kredituri fuq l-inizjattiva ta' kreditur, il-kreditur li talab il-laqgħa jkun obbligat li jħallas l-ispejjeż tas-sejħa u tal-iżvolġiment tal-laqgħa, sakemm il-laqgħa tal-kredituri ma tiddeċidix mod ieħor.

Kundizzjoni sabiex tiġi ppreżentata petizzjoni sabiex tiġi ddeterminata pretensjoni miċħuda, jekk il-pretensjoni tiġi miċħuda biss minn kreditur, hija d-depożitu ta' ħlas bil-quddiem għall-ispejjeż fil-ħin u kif xieraq. Jekk il-lanjant ma jiddokumentax id-depożitu tal-ħlas bil-quddiem, il-qorti twaqqaf il-proċedimenti.

Għat-twettiq tal-kariga tiegħu, membru tal-kumitat tal-kredituri huwa intitolat għar-rimborż tal-ispejjeż li l-membru definittivament ġarrab fit-twettiq ta' dan id-dmir; dawk l-ispejjeż huma pretensjoni kontra l-patrimonju ġenerali, f'ammont approvat mill-kumitat tal-kredituri.

Jekk assi soġġetti għal proċedimenti ta' falliment ikunu ġew irrealizzati fi proċedimenti ta' infurzar jew ta' sekwestru, iżda r-rikavat għad irid jitħallas lill-parti intitolata għalihom, ir-rikavat isir parti mill-patrimonju rilevanti u l-ispejjeż tal-proċedimenti jkunu pretensjoni kontra dak il-patrimonju.

L-ispejjeż ta' opinjoni esperta mitluba mill-kumitat tal-kredituri jinkludu pretensjoni kontra l-patrimonju ġenerali. L-ispejjeż ta' opinjoni esperta mitluba minn kreditur garantit huma pretensjoni kontra l-patrimonju separat ta' dan il-kreditur (l-għan tal-interess ta' garanzija).

Skont kif tiddeċiedi l-qorti, l-ispejjeż tal-proċedimenti biex jiġu esklużi l-assi mil-lista jinkludu pretensjoni kontra l-patrimonju kkonċernat.

L-ispejjeż imġarrba mill-partijiet fil-proċedimenti ta' falliment u fi proċedimenti relatati huma esklużi mis-sodisfazzjon fil-proċedimenti ta' falliment (madankollu, regolament speċifiku jista' jistabbilixxi mod ieħor, pereżempju, l-ammont għad-determinazzjoni ta' pretensjoni miċħuda u għal opinjonijiet esperti).

Riorganizzazzjoni

Fil-prinċipju, id-debitur iħallas l-ispejjeż. Id-debitur ikopri:

l-opinjoni fuq ir-riorganizzazzjoni,

il-ħlas tal-prattikant fl-insolvenza (miżata fissa u miżata għat-twettiq tal-inkarigu tiegħu) u l-ispejjeż,

l-ispejjeż tas-sejħa u tal-iżvolġiment ta' laqgħa tal-kredituri,

l-ispejjeż li membru tal-kumitat tal-kredituri ġarrab b'mod konklussiv fit-twettiq ta' din il-funzjoni; id-debitur iħallas dawn l-ispejjeż bl-ammont approvat mill-kumitat tal-kredituri.

Ħelsien mid-dejn permezz ta' falliment

Fil-ħelsien mid-dejn permezz tal-falliment huwa preżunt li d-debitur għandu assi limitati ħafna, u għalhekk l-ispejjeż jitnaqqsu kemm jista' jkun u jitħallsu mill-kredituri. Jekk il-kredituri jkunu jafu b'ċerti assi, għandhom jagħmlu dak li huwa meħtieġ biex jittrasferuhom fil-patrimonju tal-falliment bi spejjeż tagħhom.

L-ispejjeż li l-partijiet għall-proċedimenti ġarrbu b'rabta mal-involviment tagħhom fil-proċedimenti ta' falliment jew fil-proċedimenti biex tiġi stabbilita skeda ta' ħlas ma jistgħux, meta jiġi realizzat il-ħelsien mid-dejn, jiġu rkuprati mingħand id-debitur.

Meta jkun qed jinvestiga s-sitwazzjoni tad-debitur, il-prattikant fl-insolvenza jaħdem b'lista ta' assi, lista ta' kredituri u l-informazzjoni pprovduta mid-debitur, il-kredituri u persuni oħra. Il-prattikant fl-insolvenza jmexxi din l-investigazzjoni dwar l-assi u l-obbligazzjonijiet b'diliġenza professjonali, u, bl-istess mod, kwalunkwe investigazzjoni oħra li tkun teħtieġ ftit żmien u li tista' ssir bi ftit spejjeż.

Il-prattikant fl-insolvenza jagħmel investigazzjonijiet oħra fuq talba ta' kreditur jekk il-kreditur jagħmel ħlas bil-quddiem għall-ispejjeż ta' dawn l-investigazzjonijiet. Il-prattikant fl-insolvenza jagħmel tali investigazzjoni bi spejjeż tal-kreditur. Fil-proċedimenti ta' falliment il-kreditur huwa intitolat għar-rimborż ta' dawn l-ispejjeż, bħala spiża tal-proċedimenti ta' falliment, f'ammont approvat mir-rappreżentant tal-kredituri, jew minn laqgħa tal-kredituri jekk ma jkun inħatar l-ebda rappreżentant tal-kredituri.

Hemm regoli separati għall-ispejjeż ta' kreditur garantit, minħabba l-fatt li kreditur garantit jista' jagħżel jekk ikunx parti għall-proċedimenti jew le.

L-assi gravati jsiru biss parti mill-patrimonju ta' falliment jekk il-kreditur garantit prijoritarju jirreġistra.

Jekk jirreġistra biss kreditur garantit aktar tard, l-assi gravati jkunu soġġetti biss għall-proċedimenti ta' falliment jekk jista' jiġi preżunt li se jkun hemm sodisfazzjon għall-kreditur garantit b'interess ta' garanzija aktar tard. Għall-finijiet tal-valutazzjoni ta' jekk l-assi gravati humiex soġġetti għall-proċedimenti ta' falliment, il-valur tagħhom jiġi stmat skont opinjoni esperta magħmula fuq struzzjonijiet tal-prattikant fl-insolvenza fuq talba u l-ispiża ta' dak il-kreditur garantit aktar tard. Jekk il-kreditur garantit aktar tard ma jiddepożitax il-ħlas bil-quddiem għall-ispejjeż tal-opinjoni tal-espert fil-limitu ta' żmien stabbilit mill-prattikant fl-insolvenza, jiġi preżunt li l-assi gravati mhumiex soġġetti għall-proċedimenti ta' falliment.

Il-prattikant fl-insolvenza jista' (iżda ma jkunx meħtieġ) isejjaħ laqgħa tal-kredituri jekk il-prattikant iqis li tkun meħtieġa. Il-prattikant jagħmel laqgħa bħal din fuq talba ta' kwalunkwe kreditur reġistrat li jiddepożita ħlas bil-quddiem għall-ispejjeż tal-iżvolġiment tal-laqgħa, u jħallas il-miżata fissa tal-prattikant fl-insolvenza biex dan ikun jista' jorganizzaha.

Ħelsien mid-dejn permezz ta' skeda ta' ħlas

L-ispejjeż ta' dawn il-proċedimenti jitħallsu primarjament mid-debitur.

Is-sistema hija mfassla b'tali mod li l-proċedimenti jibdew biss (minbarra l-parti li tikkonċerna petizzjoni formali) wara li jkun iddepożitat ħlas bil-quddiem għall-miżata tal-prattikant fl-insolvenza u l-ispejjeż neċessarji għall-proċedimenti.

L-ispejjeż li l-partijiet għall-proċedimenti li jkunu ġarrbu b'rabta mal-involviment tagħhom fil-proċedimenti ta' falliment jew fil-proċedimenti biex tiġi stabbilita skeda ta' ħlas ma jistgħux, meta jiġi realizzat il-ħelsien mid-dejn, jiġu rkuprati mingħand id-debitur.

Jekk kreditur ma jaqbilx mal-iskeda tal-ħlas proposta, il-kreditur jista' jressaq oġġezzjoni mal-prattikant fl-insolvenza. Il-prattikant fl-insolvenza jikkummenta dwar l-oġġezzjoni u din tiġi deċiża mill-qorti.

17 X'inhuma r-regoli li għandhom x'jaqsmu man-nullità, l-annullabbiltà u n-nuqqas ta' eżekutorjetà ta' atti ġuridiċi detrimentali għall-korp ġenerali ta' kredituri?

L-Att dwar il-Falliment (*Zákon č. 7/2005 Z.z. o konkurze a reštrukturalizácii*) jilleġisla għal atti li huma ta' ħsara għall-kreditur billi jagħmilhom ineffettivi taħt ċerti kundizzjonijiet. L-ineffettività għandha konsegwenzi biss jekk l-atti tad-debitur jiġu kkontestati. Il-prattikant fl-insolvenza u l-kredituri għandhom id-dritt li jikkontestawhom, iżda kreditur għandu biss dan id-dritt jekk il-prattikant fl-insolvenza ma jaġixxix fuq it-talba tal-kreditur li jikkontesta att legali fi żmien raġonevoli. Id-dritt ta' kontestazzjoni ta' att legali jiskadi jekk ma jiġix eżerċitat fir-rigward tad-debitur jew fil-qorti fi żmien sena minn meta jkun ġie ddikjarat falliment; id-dritt ta' kontestazzjoni ta' att legali jitqies biss li ġie eżerċitat fir-rigward tad-debitur jekk id-debitur jirrikonoxxi d-dritt bil-miktub. Skont il-leġiżlazzjoni, atti legali li minnhom drittijiet huma eżegwibbli, jew diġà ġew sodisfatti, jistgħu wkoll jiġu kkontestati.

Jekk qabel ġie ddikjarat il-falliment kien hemm proċedimenti ta' riorganizzazzjoni, u waqt dawn il-proċedimenti ġie ddikjarat falliment, il-bidu tal-proċedimenti tar-riorganizzazzjoni huwa essenzjali biex jiġi ddeterminat il-perjodu li fih sar att legali li jista' jiġi kkontestat skont l-Att dwar il-Falliment.

L-atti legali jridu jsiru mid-debitur, u għandhom isiru mingħajr remunerazzjoni jew preferenza jew mingħajr preġudizzju għas-sodisfazzjon ta' pretensjoni ppreżentata għal kwalunkwe kreditur tad-debitur. Dawn għandhom ikunu atti legali li jirrigwardaw l-assi tad-debitur.

L-Att dwar il-Falliment jiddefinixxi regoli dettaljati oħra rigward il-prova tal-intenzjoni li jiġi ppreġudikat kreditur. F'xi każijiet ma hemmx għalfejn ikun hemm prova tal-intenzjoni, filwaqt li f'oħrajn hija preżunzjoni konfutabbli. L-Att jistabbilixxi wkoll il-konsegwenzi legali tal-annullabbiltà applikati fil-qorti, li huma r-ritorn tal-assi akkwistati mill-parti li kontriha jkun ġie eżerċitat id-dritt.

Fir-riorganizzazzjoni, l-atti ta’ ħsara għall-kreditur huma importanti biex jiġu ttestjati l-aħjar interessi tal-krediturі: meta jqabbel l-eżitu tal-pjan ta’ riorganizzazzjoni u l-falliment possibbli, il-prattikant fl-insolvenza għandu jqis ukoll l-atti legali annullabbli.

Dan apparti, l-atti legali ma jiġux ikkontestati fir-riorganizzazzjoni.

Madankollu, f’ċerti każijiet l-Att ikopri l-preżunzjonijiet għal kull ċaqliq minn riorganizzazzjoni għal proċedimenti ta’ falliment, u jekk dan iseħħ, ċerti atti legali huma annullabbli.

Il-prattikant fl-insolvenza jista’ biss japprova atti legali mid-debitur jekk iżidu l-valur tal-assi tad-debitur jew jekk dawn ikunu meħtieġa biex jintlaħaq l-għan tar-riorganizzazzjoni. Jekk id-debitur jagħmel att legali li jkun soġġett għall-kunsens tal-prattikant fl-insolvenza mingħajr dan il-kunsens, il-validità tal-att legali ma tiġix ippreġudikata b’dan, iżda l-att legali jista’ jiġi kkontestat fi proċedimenti ta’ falliment jekk kien iddikjarat falliment għall-assi tad-debitur fi żmien sentejn mill-bidu tal-proċedimenti ta’ riorganizzazzjoni.

Wara l-għeluq tar-riorganizzazzjoni, id-debitur jew l-entità akkwirenti ma jistgħux jiddistribwixxu l-profitt jew fondi ta’ ekwità oħra fost il-membri tagħhom qabel is-sodisfazzjon tal-pretensjonijiet tal-krediturі fil-grupp għal pretensjonijiet mhux garantiti sal-livell tal-pretensjonijiet stabbiliti tagħhom skont il-pjan; fi proċedimenti ta’ falliment id-distribuzzjoni tal-profitt jew fondi ta’ ekwità oħra tista’ tiġi kkontestata u hija wkoll raġuni għall-ineffettività tal-pjan.

Barra minn hekk, kull att legali magħmul mid-debitur jew mill-prattikant fl-insolvenza matul il-proċedimenti ta’ riorganizzazzjoni li jagħtu lil parti għall-pjan vantaġġ mhux previst mill-pjan huwa null u bla effett.

Fil-ħelsien mid-dejn, id-drittijiet tal-krediturі li jfittxu sodisfazzjon skont il-liġi ċivili minn kwalunkwe ħaġa eskluża mill-assi tad-debitur permezz ta’ att legali annullabbli jibqgħu mhux affettwati. Barra minn hekk, kwalunkwe proċediment sussegwenti dwar l-intenzjoni onesta jqis l-imġiba tad-debitur, li minnha wieħed jista’ jqis li ddebitur kien deliberatament daħal f’insolvenza ta’ fluss ta’ flus, jew li minnha wieħed jista’ jqis li d-debitur kien qed ifittex li jagħmel ħsara jew jiffavorixxi lil kwalunkwe kreditur.

L-aħħar aġġornament: 22/08/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta’ din il-paġna tinżamm mill-punt ta’ kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.